
MONS SION IN JERUSAL



Deħra tal-Ġurdan
Waqt li jkun imfawwar
Meta jdub is-silġ bis-sħana
Minn fuq l-iġbla
Tal-Hermon u tal-Libnan
Fis-sajf.

It-Tmien Sena LULJU - SETTEMBRU, 1962 Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOHROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA





It-Tmien Sena LULJU - SETTEMBRU, 1962 Għadd 3

## X'FIH DAN IL-GĦADD


Misħut Egojiżmu! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... 65

L-Ikel u l-Ilbies tal-Lhud fi Żmien Ġesù Kristu (P.P. Saydon) ... ... ... 66

Ilma Żahar u Ftit Grux (P.M. Tangorra O.F.M.) ... ... ... ... ... 68

Kliem Meħud b'Ieħor fl-Evanġelju (Ben Jehuża) ... ... ... ... ... 69

Dawra Mal-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... ... ... ... ... ... 74

Siġar Imqaddsa Fil-Palestina (P. Ubertinu Berti O.F.M.) ... ... ... ... 78

Il-Fundament Bibliku tal-Quddiesa (P. Serafin Zarb O.P.) ... ... ... ... 81

Is-Sejbien ta' l-Evanġelju ta' San Tumas ('X') ... ... ... ... ... 83

Fejn Twieldet il-Madonna (P. Anton Olivan O.F.M.) ... ... ... ... ... 85

Id-Dejr Waħxi ta' Mar-Saba (P. Nazju Mancini O.F.M.) ... ... ... ... 90

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 95

Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96



*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# MISHUT EGOJIZMU!

*Bin-Adam, f'dak li hu ġisem, ma hux ħlief annimâl. Bħal annimâl jiekol, bħal annimâl jorqod; bħal annimal jitwieled, u jum jew ieħor, imût. Iħoss mibgħeda għal min jaħqru, u mħabba għal mîn jitimgħu u jżiegħel bîh. Hekk, kull annimâl, u kull Bin-Adam li jimxi fuq ġibdiet il-ġisem, hu egojista, għax ijgħożż biss dak li jaqbel lilu, u jitlaq, jew iħassar, dak li jaqbel lill-oħrajn. L-egojista ma jagħrafx Sîd, anqas Għajr. B'hekk l-egojżimu hu l-għajn u l-bidu ta' kull ħtija, għax mill-ewwel jikser iż-Żewġ Omra l-Kbâr: "Ħobb 'l Alla Sîdek fuq kollox, u lil Għajrek bħalek innifsek"* (*Matt. XXII*, 37-39).

*Ħtija tal-egojiżmu daħal fid-dinja d-dnub, għax bih il-għâdu ġarraf l-ewwel mara. "Alla menagħlkom dik is-siġra," qalilha, "għax jekk tieklu minnha, tagħarfu l-ġid u d-deni, u SSIRU BĦAL ALLAT!" U l-mara ħasbet: "Jaqblilna, mela, nieklu mis-siġra, ħalli nsîru Allât aħna wkoll, nagħmlu kull ma rrîdu, u ma jamar għalîna ħadd!" Għal hekk, kielet, u temgħet ukoll lil żewġha. U xi ħsâra ġiebet fuqhom infûshom u fuqna, msejkna uliedhom, ilkoll nâfu, għax ninsâbu mgħarrqîn fîha ta' kull waqt. Bħal ma l-għâdu bl-egojiżmu waqqa' fil-ħtija l-'ewwel mara,' hekk ukoll ġarrab li jwaqqa lit-Tieni Râġel. L-ewwel daqqa li x-xitan xejjer lil Ġesù fit-Tiġriba, fix-xôri maħrûq u iswed tal-Baħar Mejjet, kienet id-daqqa tal-egojiżmu. "Għaliex qiegħed bil-ġûgħ?" qallu. "Għad li int Bin-Adam, int ukoll Bin-Alla, u l-ħolqien kollu f'idejk. Għîd lil ħaġra minn dawn issîr ħobż, u kûl!" Imma d-daqqa fallietlu lill-għâdu, u l-lsîr ma għallatx lil Sîdu, u d-dlâm ma għelebx lid-Dawl. U hekk jagħmel ukoll ix-xitân ma' kull Bin-Adam: jiftaħ il-kaxxa tal-għodda tiegħu, li hi l-egojiżmu, u minn hemm ijġib il-biċċa li jidhirlu li taqbel, biex iwaqqa' fil-ħtija lil dak li jkun. Bl-egojiżmu jsîr il-qtîl; bl-egojiżmu ssir iż-żena, u bih ukoll is-serq u l-gideb, u kull xorta ta' ħtijiet. Kull min jidneb u jikser amar Alla, jagħmel dan għax egojista, billi jiċħad 'l Alla minn Sîdu u 'l Bin-Adam minn Għajru, u jgħodd ruħu fuq kollox u fuq kull ħadd. Hekk, kull ħtija hija xi għamla ta' egojiżmu, li toħroġ mill-għajn misħûta tax-xitân.*

*Aħseb, mela! Qîs u ifhem. Agħraf li sejf il-ħrieb tax-xitân m'Alla u Bin-Adam huwa l-egojiżmu. U kif tagħraf dan, ħejji ruħek f'kollox, hawn fid-dinja, għal taqbîda ta' bla serħ. Int trîd tissieħeb m'Alla fis-Sebħ tal-Ħajja l-Oħra? Ma hemmx għal dan trîq ħlief waħda: neħħi minnek l-egojiżmu. Jekk ma tistax teqerdu, orbtu, u żommu magħfûs taħt amrek; għax jekk terħilu u jirkbek, ma hemmx tama ta' hena għalîk. Issieħeb m'Alla minn rajk, f'dil-ħajja, biex Alla jqîsek b'xibrek, u jsieħbek miegħu f'Sebhu, fil-Ħajja ta' bla Tmiem. Żomm għajnejk dejjem fuq Ġesù, it-Tieni Râġel; tinsa qatt il-kelma tiegħu, li "Bin-Adam ġie fid-dinja m'hux biex jinqeda, imma biex jaqdi, u jagħti ħajtu lill-oħrajn"* (*Mat. XX*, 28); *agħmel bħal ma għamel Hu, kull darba li tiġi newbtek, għax biex titgħallem minnu ġie fid-dinja, battal lilu n-nifsu* (*Filipp. II*, 7), *tgħabba bil-hemm u bil-għajb kollu, saħansitra bl-eħrex mewt: mislûħ bis-swat, u mbenġel; imxarrab bil-għaraq u d-demm u Wiċċu miksi bil-bżieq; bl-egħdewwa jidħku bih u jiżfnu quddiemu, u Hu msammar fuq salib!*

*ID-DIREZZJONI.*

# L-IKEL U L-LBIES TAL-LHUD FI ZMIEN GESU' KRISTU

Forsi aktar minn darba ġietna x-xewqa li nkunu nafu kif kienu jgħixu l-Lhud fi żmien Ġesu Kristu bıex inkunu nafu kif kien igħix Ġesu Kristu stess meta kien fid-dinja. Hawn biħsiebni nuri biss kif kienu jilbsu u jieklu. Nistaqsu biss il-Vanġeli u nħallu fil-ġenb it-Testment il-Qadim, għalkemm id-drawwiet ta żmien Ġesu Kristu huma kollha ġejjin minn żmien it-Testment il-Qadim. Nistaqsu ukoll it-Talmud, li hu ġabra kbira tal-liġijiet kollha tal-Lhud, li, għalkemm ġejjin minn żmenijiet qodma baqgħu ħajjin sa żmien Kristu u wara. Minn żmien Kristu nħallu barra wkoll l-ikla tal-Għid, għax din ma kenitx ikla ta kulljum, imma ta darba fis-sena biss, u għalhekk ma nsemmux anqas il-lbies tal-qassisin li ma kienx il-lbies tal-poplu.

### L-IKEL

L-ewwel u l-aqwa ikel kien il-ħobż li bosta drabi jissemma fil-Vanġelji. Il-ħobż kien isir mid-dqiq tal-qamħ u xi drabi mid-dqiq tax-xgħir (Ġw 6, 9). Il-qamħ jew ix-xgħir kien jintaħan id-dar b'mitħna magħmula minn żewġ ħaġriet li jduru fuq xulxin; kien xogħol tan-nisa, qaddejja jew ilsiera (MT 24, 41). Il-ħobż kien isir kull jum, għalhekk nitolbu: Ħobżna ta' kuljum. Il-ħobż kien ikun ta' forma tonda u ċatta bħall-ftajjar u għalhekk kien jinqasam mhux jitqatta bis-sikkina. Barra mill-ġimgħa tal-Għid, meta l-Lhud kienu jieklu ħobż bla ħmira, l-Lhud kienu dejjem jagħġnu bil-ħmira (Mt 13, 33). Barra mill-ħobż kienu jieklu ukoll il-laħam. Is-sultan tal-parabbla bagħat igħid lill-mistednin għat-tieġ ta' ibnu: L-ikel lest, l-għoġiela u l-bhejjem imsemmna huma maqtula.. U missier l-iben il-ħali qatel l-għoġol imsemmen għall-festa ta' ibnu li reġa ġie għandu (Lq 15, 23. 27). Laħam ieħor kien jittiekel fis-sagrifiċċi skond il-liġi. Ħut ukoll kienu jieklu, aktarx ħut maqbud fil-baħar ta' Tiberijadi u mqadded. Meta Kristu kattar il-ħobż, kien hemm ukoll il-ħut malħobż (Mt 14, 17; 15, 34). Biex juri li hu dejjem jisma t-talb tagħna, Kristu qal: Jekk wieħed jitlob ħuta lil missieru, jaqaw jagħtih serp? Meta Kristu, wara li qam minn bejn l-imwiet deher lill-Appostli, talabhom xi ħaġa x'jiekol, tawh biċċa ħuta mixwija (Lq 24, 42). U meta reġa dehrilhom f'xatt il-baħar Tiberijadi, l-Appostli, xħin waslu l-art, raw in-nar imqabbad u ħuta fuqu tinxtewa (Ġw 21, 9). Il-bajd kienu jużawh ukoll (Lq 11, 12). L-għasel ukoll kienu jekluh, għalkemm ma nafux kif (Lq 24, 42). Ikel tal-foqra kienu l-ġradijiet mixwija u l-għasel salvaġġ (Mt 3, 4 Mk 1, 6) Iż-żejt kienu jużawh aktarx biex isajjru bih (Lq 16, 6). Bħala ħwawar kienu jużaw in-nagħniegħ, il-kemmun u ħxejjex oħra (Mt 23, 23; Lq 11, 42). Barra mid-dar kienu jistgħu jieklu iż-żbul li jkun laħaq għal ħsad (Mt 12, 1; Mk 2, 23; 6, 1). L-inbid mal-ikel ma kien jonqos qatt. L-ewwel miraklu ta' Kristu kien it-tibdil tal-ilma f'inbid (Ġw 2, 3). Biex igħajjru lil Kristu l-Lhud kienu jgħidu li hu jħobb jiekol u jixrob l-inbid (Mt 11, 19). Il-Lhud kienu jieklu fl-art, fuq ħasira mifruxa, kienu jaqbdu kollox b'idej-

hom u għalhekk qabel l-ikel u waqt l-ikel kien ikolhom jaħslu idejhom bosta drabi.

## IL-LBIES

Il-Lhud, irġiel u nisa, kellhom żewġ ħwejjeġ biss x'jilbsu: Kellhom biċċa qisha qmis twila sa saqajhom u bil-kmiem wiesgħa, li ngħidulha *tunica* u biċċa oħra kwadra u kbira li jdawwruha magħhom bħal *mantell*. Il-foqra kienu jinqdew bil-mantell biex jitgħattew bih bil-lejl. Meta wieħed ikun liebes *it-tunica* biss mingħajr il-mantell, kienu jgħidu li hu għarwien, jew aħjar għeri. Hekk kien liebes S Pietru fid-dgħajsa meta dehrilhom Ġesu (Ġw 21, 7). Waqt ix-xogħol jew meta jkollhom jimxu fit-tul kienu jerfgħu ftit *it-tunica* u jit-ħażżmu biex ma jkollhomx x'ifixkil-hom fix-xogħol jew fil-mixi. Hekk il-qaddej jitħażżem qabel ma jibda jservi lil sidu waqt l-ikel (Lq 12, 35. 37; 8). *Il-mantell* waħdu bosta drabi fil-Vulgata jissemma *vestimentum*. Meta Kristu daħal Ġerusalem, il-poplu firex fl-art *il-mantell* (*vestimenta*) mhux il-lbies kollu (Mt 21, 8; 11 8; Lq 19, 36). *It-tunica* ta' Kristu kienet magħmula minn biċċa waħda, bla ħjata (Ġw 19, 23). Kienu jilbsu ukoll biċċa bħal maktur għar-ras. Fiha kienet moħbija l-munita li s-sultan ta' lil wieħed mill-qaddejja tiegħu biex iħaddimha u ma ħaddim-hiex (Lq 19, 20). Lazzru kien imkef-fen b'dil-biċċa ma rasu (Ġw 11, 44) Fil-qabar ta' Kristu, wara l-qawma tiegħu, instab il-maktur f'rokna tal-qabar (Ġw 20, 7). Fl-erba rkieni tal-*mantell* kienu jdendlu erba ġmie-men, drawwa li kienet ġejja mil-Liġi ta' Mose (Mt 9, 20; 14, 36; 23, 5; Mk 6, 56; Lq 8, 44). Ma għandniex xi ngħidu, l-lbies tal-għonja u l-lbies tal-festi kien isbaħ mil-lbies tan-nies l-oħra u mil-lbies ta' kulljum. Il-għani tal-parabbla kien jilbes porpra u għażel fin (Lq 16, 19). In-nies ta' madwar is-sultan jilbsu sabiħ (Mt 11, 8; Lq 7, 25). Meta l-iben ħali reġa lura għand missieru, kien imlibbes libsa sabiħa (Lq 15, 22). Il-mistieden tal-parabbla li ma kienx liebes il-libsa tat-tieġ kien imkeċċi barra (Mt 22, 11). S. Mark isemmi biċċa oħra tal-lbies *is-sindon*. Fi 14, 5 tfisser ilbies ħafif li kien jintuża bil-lejl u li aktarx li kien bħal liżar żgħir, għax malli s-suldati qabdu ż-żagħżugħ, dan telaq *is-sindon* u ħarab għarwien. Li kien xi ħaġa li tintlibes, ma kienx jista jitlaqha hekk malajr. Fi 15, 46 tfisser liżar li fih kien imkebbeb il-ġisem ta' Ġesu mejjet. Il-mant li libbsu 'l Kristu għand Pilatu kien ilbies tas-suldati (Mt 27, 28). Rġiel u nisa kienu jilbsu ċ-ċrieket tad-deheb jew tal-fidda (Lq 15, 22). In-nisa kellhom ħafna tiżjin ieħor, im-sielet, brazzuletti, ħnienaq, imma dawn jissemmew biss fit-Testment il-Qadim. Ir-rġiel kienu jużaw il-bastun, l-aktar fil-mixi twil (Mk 6, 8). Flok żraben kienu jilbsu l-qrieq li jinqaflu bi qfieli tal-ġild. (Mt 3, 12; 10, 9; Mk 1, 7; 6, 9; Lq 3, 16; 10 4; 15, 22).

Il-lbies tan-nisa kien bħal tar-rġiel, jiġifieri *tunica* u *mantell*. Biss ma kienx l-istess it-tiżjin tagħhom. In-nisa, bħal dejjem u kullimkien kellhom aktar żina u xejxi fi lbieshom.

P. P. SAYDON.

# ILMA ZAHAR U FTIT GRUX

Fid-Dejr ta' Nazaret, fiż-żmien li qegħdin insemmu, kien hemm jgħammru ħamest Irħieb Franġiskani. Il-ħames Franġiskani, dik il-lejla, baqgħu sejrin, jaħdmu, biex itemmu x-xogħol tat-tiswija tal-knisja, li ftit qabel kienet imħarbta u misruqa mill-Misilmin...... għal min jaf kemm il-darba!

Imma dik il-lejla il-ħames Franġiskani kienu ħienja, biex ngħidu hekk, għax il-għada, fil-knisja, kellhom jagħmlu naqra ta' festa, u kienu mistennija l-ftit Insara li kien għad fadal f'dik il-belt, li ma ħarbux jew ma sfawx maqtula. Qatt ma kienu jobsru li l-hena tagħhom kellu jkollu dewma qasira ħafna. Għax il-festa saret; imma wara ftit jiem ġliba ta' Għarab Bedwin daħlu għall-għarrieda f'Nazaret u qatlu lil dawk l-Insâra li ma laħqux ħarbu. Imbagħad ħabtu għad-Dejr u għal knisja, għax ħasbu li ġewwa fihom sa jsibu xi mħâbi ta' fidda u deheb; u min jaf x'iżjed! Il-ħames Franġiskani, meta raw dan biex ma jisfawx maqtula għal ebda ħajr, dendlu ħabel minn ġewwa tieqa għall-għalqa ta' wara d-Dejr, u ħarbu. U l-Għarab Bedwin, meta għarfu dan, telqu jiġru wrajhom.

Wara ħafna siegħat ta' ġiri, l-imsejkna maħruba ma sabux fejn setgħu jistaħbew u jistrieħu naqra, għax ir-rħula tal-qrib kienu kollha mgħammra mill-Misilmin. Mifnijin bil-għejja u l-ġugħ u l-biża', qagħdu għarrkubtejhom ftit, talbu lil Madonna ta' Nazaret li tnebbaħhom x'kellhom jagħmlu, u wara ftit ftiehmu li jidħlu l-belt żgħira, fuq għolja, li kien hemm qribhom, jisimha Safad, jitolbu għajnuna lix-Xiħ tal-Misilmin t'hemm; isir minnhom li jsir!

Ix-Xiħ, jarahom hekk, nofshom mejta, bil-għejja u l-ġugħ u l-biża', qata' li jaħbihom għandu, fit-taqsima tad-dar kbira tiegħu li jgħidulha Harem fejn kien iżomm in-nisa tiegħu. Imma ta' Għarbi li hu ħasibha u ma daħħalhomx hemm mill-bieb, imma minn ġewwa tieqa.

Wara ftit il-Bedwin li kienu jiġru wara l-Franġiskani, waslu. Għajtu lix-Xiħ u qalulu jagħtihom dawk il-ħames maħruba. Ix-Xiħ waqaf fuq għatbet il-bieb u ħalef b'Allah u n-Nebi, għal darba tnejn, li minn dak il-bieb ma kien daħal ebda barrani. Għal dik il-ħalfa minn wieħed Xiħ li kien ukoll ħaġġeġ, jiġifieri żâr il-Mekka kemm il-darba, u kien rajjes tad-Dîn tiegħu f'Safad, il-Bedwin ma setgħux ma jemmnux kliemu. Għalhekk telqu minn hemm u marru jfittxu lir-Rħieb naħa oħra.

It-tiġrib għadda għal dak il-ħin u bil-lejl ix-Xiħ għajjat lil Franġiskani, u wara li temagħhom u sqiehom, ħariġhom barra u mar magħhom lejn Libnân, hemm fil-qrib fejn kien hemm għadd kbir ta' bliet u rħula tal-Insara. U ma telaqhom minn taħt għajnejh sa kemm ma rahomx mil-qugħa bis-sliema minn sħabhom.

Imma lil ħames Franġiskani ġiehom ħsieb: kif sa jħallsuh tal-qalb tajba tiegħu, lil dak ix-Xiħ tal-Misilmin? Fittxu fi bwiethom. Min kellu xi ħaġa u min ma kellu xejn. Sabu li lkoll flimkien kellhom wieħed u sebgħin girx — li jagħmlu erbatax il-xelin u tliet karnijiet tagħna! Ftit wisq; qishom xejn. Imma la darba ma kellhomx aktar, bid-dmugħ f'għajnejhom talbu lix-Xiħ li jeħodhom, bħala ħajr tal-ġid li kien għamel magħhom.

Ix-Xiħ laqa' ıdu. Ħares lejn il-grux. Ħâres lejn il-ħames Irħieb. Raġa' ħares lejn il-grux; tbissem ftit ħareġ maktur, sarrhom fih u qegħedhom f'butu.

* * *

Il-Pâtri Kustodju ta' Ġerusalem, sama' b'dana. Għalhekk għajjat lil kbarat ta' madwaru u qalilhom xi ħsieb kellu: li minn dik inhâr 'il quddiem, bħala tifkira tax-Xiħ ta' Safad, il-Franġiskani għandhom jagħtu, kull sena, f'egħluq żmien il-ġrajja, wieħed u sebgħin girx lix-Xiħ ta' Safad, lill-uliedu, u lill-ulied uliedu, għal dejjem, sa kemm idumu fid-dinja l-Franġiskani!

Ix-Xiħ ta' Safad feraħ wisq billi l-Franġiskani laqgħu b'imħabba hekk kbira l-ġid li kien għamel magħhom. U kull meta jibgħatulu l-wieħed u sebgħın girx, beda jibgħatilhom qarraba mimlija bl-ilma żahar, magħmul miż-żahar tal-larinġ tal-ġnien tiegħu.

Għaddew is-snin, u x-Xiħ miet u laħaq warajh ibnu. Miet ibnu, u laħaq iben ibnu, u mbagħad ibnu warajh, u d-drawwa tal-wieħed u sebgħin girx u tal-ilma żahar baqgħet sejra. Fis-sena 1882, il-Franġiskani ta' Ġerusalem riedu jagħtu somma sabiħa ta' flus *darba* lix-Xiħ ta' Safad, minn bdiel dik it-teftifa żgħira ta' kull sena, imma x-Xiħ ma riedx. Qalilhom: "Għad li għalija dawk il-ftit grux ta' kull sena ma huma xejn, jien ninsab ferħan bihom ħafna, għax kull meta jasal iż-żmien li jġibuhomli, niftakar x'għamel dak ir-raġel għaqli u mweġġaħ fost misserijieti, u t-turija li tagħa lilna, u lill-Għarab kollha, li dawk li jemmnu b'Alla wieħed u b'Ġesù bin Mirjam, għandhom sies fuq hiex jibnu feħemthom, għax f'qiegħ Dinhom, huma lkoll aħwa!

P. M. TANGORRA O.F.M.

# KLIEM MEĦUD B'IEHOR FL-EVANĠELJU

(*Jorbot mal-ħarġa ta' qabel din*)

Kemm hi sabîħa l-Parabbla tal-Għani u Lażżru li kiteb san Luqa (XVI, 19-31)! X'qalb ta' sur tagħmillu lil min ikun fqîr u maħqûr f'din id-dinja! Imma fiha ħaġa daqsxejn għarîba: Lażżru, meta miet u mar il-Ġenna, ma qagħadx bil-qegħda fuq xi siġġu sabiħ, imma qagħad fi ħdân Abraham!

Hawn ukoll aktarx li hawn xi kelma meħûda b'oħra, għax Abraham kellu bħala wliedu l-Lhud kollha. U min jaf kemm elûf tal-elûf kienu laħqu mietu minnhom, u marru l-Ġenna, saż-żmien li ġie fid-dinja Ġesù! U bħal ma Abraham żamm lil-Lażżru fi ħdânu, hekk kien meħtieġ li jżomm lil-Lhud l-oħra wkoll. Imma kif jista' jkun li Abraham iżomm dawk l-eluf kollha ta' wlied ġewwa ħdânu? Anqas li kienu nemel, minn dak ir-rqîq! Mela aktarx li Ġesù qal xi kelma oħra u nkitbet ħażin, kif qalt jien moqbejl.

Aħna, bil-Malti, ma ngħidux "ħdejn", jiġifieri: *qrîb*, jew: *ma' ġenb*? *Ħdejn* il-Knisja; *ħdejn* is-siġra; *ħdejn* il-bir? U bl-Arâmi kienu jgħidu: "*bi ħdên*" (iżidu l-"bi"; u hekk għadhom issa wkoll, għax smajthom jien, it-Transġordanja) li kif qalt l-ewwel kien jixbah lil Malti m'hux ftît. Lażżru, mela, meta miet mar "bi ħdên Abraham", jiġifieri: qribu, ħdejh. M'hux li raġel xîħ, żamm f'ħoġru raġel xiħ!

Kelma aktarx mifhuma ħażîn hija din li sa naraw issa, u qegħda fl-Evanġelju ta' san Mark (IV, 36). Miktub

hemmekk li Ġesù kien f'xatt il-baħar tal-Galîl, u meta sar il-għâsar, qal lill-Appostli: "Ngħaddu għan-naħa l-oħra". U huma ħellew (illiċenzjaw) il-ġemgħa tan-nies, *jeħduh*, kif kien fid-dgħajsa (bil-Grieg: *paralambanousin avton*). Hawn donnhom li l-kelma "jeħduh" fehmuha ħażîn, u qalbuha ħażîn mill-Arâmi għal Grieg. Għax "jeħdi" bil-Palestini tal-lum, u bl-Arâmi ta' dak iż-żmien, tfisser: *jitħaddet*. Jgħidulek, dak il-pajjiż: *Dejmen teħdi? Askot xwej!* Jiġifieri: "Dejjem titħaddet? Iskot ftit!" Is-sens hu m'hux li n-nies kienu jridu *jieħdu* lil Ġesù kif kien fid-dgħajsa, imma li baqgħu jitħadtu miegħu sa-ħansitra wara li kien rikeb biex jitlaq minn hemm (8). U fuq dil-kelma nfis-ha aktarx li hemm għalta oħra fl-Evanġelju ta' san Mattew (XVI, 22). Miktûb hemm: "U Pietru *jieħdu* (jiġifieri: *jitħaddet miegħu*), beda jċanfru u jgħidlu: 'Bgħîd minnek, Mulej! Ma jkunlekx dâna!' "

Kif Ġesù kien ġej minn Kajsarija-Filisti u sejjer lejn it-Tâbor, qal lit-tliet Appostli li kellu miegħu li ma jdumx ma jmur Ġerusalem, jiltaqa' mal-qassisîn, hemm fit-Tempju, u jqîs ruħu magħhom. U li huma kell-hom jaqbduh u jagħtuh f'idejn ir-Rumani u jibgħatuh għal mewt. Lil san Pietru dil-ħaġa ma għoġbitux, imma Ġesù wissa lilu u lill-Appostli l-oħra b'dan il-kliem: "Jekk xi ħadd irid jiġi wrajja, jiċħad lilu n-nifsu (9), *jarfa salibu* u jimxi wrajja. Għax min isîb lil ħajtu, jitlifha; u min jitlifha għalija, isibha (Matt. XVI, 24. Ara wkoll Matt. X, 38-39, fejn dal-kliem hu mtenni kollu). Il-kelma li aktarx hi maqlûba ħażîn, hi "salibu", għax *tarfa s-salib*, jiġifieri titqanna bid-dwejjaq li tiltaqa' magħhom, hi kel-ma Nisranija, u m'hix bikrija. Il-għal-ta aktarx saret ħtija tax-xebħ li hemm bejn il-kelmiet "Taw" *salib*, u "tawb," libsa. Aktarx li Ġesù qal: "Min irid jiġi wrajja, jarfa *tawbu* u jimxi wrajja", jiġifieri jneħħi minn quddiemu kull ħaġa li tfixklu fil-mixi. Il-Palestina, meta xi raġel ikun sejjer xi mixja twila (u dan rajtu b'għaj-nejja aktar minn darba), jarfa' l-libsa minn quddiem (il-libsa tal-Fellaħîn tkun bħal qmis, twila sal-għakiesi tas-saqajn), jgħolliha ftit 'il fuq minn irkubtejh, u jehmiżha żewġ naħiet, taħt il-ħżiem li jkollu. Hekk saqajh minn quddiem ikunu mikxûfa u hu jimxi mingħajr ma l-libsa tħabbat magħhom. Ġesù aktarx ried jgħid b'din it-tixbiha, li bħal ma min ikun sejjer għal mixja twila ineħħi minn quddiem saqajh ix-xkiel tal-libsa, hekk min irid imur warajh, jeħtieġ li jneħħi minn quddiem għajnejh il-ħsebijiet ta' niesu u mielu, ħwejjeġ li jmissu lil din id-dinja, u huma xkiel għax-xogħol tad-dinja l-oħra.

Meta Ġesù mal-Appostli kien tiela' Ġerusalem għal Għid il-Kbir, qabel ma wasal Ariħa, Xalôma mart iż-Żabdi, omm san Ġakbu u san Ġwann, resqet quddiemu maż-żewġ uliedha, u ġiegħlithom jitolbuh il jqegħdhom wieħed kull naħa f'saltnatu (10). Ġesù weġibhom: "Ma tafux x'intom titol-bu! Tistgħu tixorbu mix-xarba li nix-rob minnha jien, u *titgħammdu* bil-*magħmudija*, li *nitgħammed* biha jien?" (Mark, X, 37 u Matt. XX, 20).

Hawn wieħed isaqsi: X'għandha x'taqsam il-magħmudija max-xorb? Kif saqsiehom Ġesù: "Tistgħux tixorbu u *titgħammdu*?" Kieku qalil-hom: "Tixorbu u tieklu", sewwa, għax ix-xorb u l-ikel, imorru flim-kien. Imma x-xorb u l-*magħmudija* ma għandhomx x'jaqsmu l-wieħed mal-oħra!

Il-għalta qegħda, aktarx, fil-kelma *magħmudija*. Ġesù, fil-lingwa tiegħu, aktarx li qalilhom: "Taqdru *tgħammsu* fil-*egħmâs* li *għammas fihu ana*?" Jiġifieri: "Tistgħu *tbillu* fil-*bell* (jew meraq) li *nbill* fih jiena?" U min qaleb il-kliem mill-Palestîni għal Grieg, ma kienx jaf il-kelma *għammes* xi tfisser. Ħasibha *għammed*, u kitibha hekk (11).

Kelma aktarx (għalija ċert) meħuda b'oħra wkoll, qegħda bejn San Mark (X, 52) u San Luqa (XVIII, 42). Miktub hemm li kif Ġesù kien ħiereġ minn Ariha, f'mixitu lejn Ġerusalem, raġel agħma li kien f'bieb il-belt jittallab, beda jgħajjat, u Ġesù bagħat għalih u saqsieħ x'ried. Il-agħma wieġbu: "Rabbi, irrid nara! "San Mark kiteb li Ġesù qal lill-agħma: "Mur! Saħħek imânek!" (il-fidi tiegħek fejjqitek); fil-waqt li San Luqa kiteb li mhux "Mur", qallu imma "Ara! Saħħek imânek!"

Il-għalta qegħda bejn il-verb Palestini: *Râ*, *jâra* (bħal Malti xorta waħda), u *Râh*, *jàrah*, li tfisser *tmur*, *titlaq*. Ġesù, mela, kif jidher ċar, qal lil dak l-agħma: "Ara", u hekk kien hemm miktub fil-bordi li kien jikkopja minnhom San Luqa; imma f'dawk li kellu quddiemu San Mark, kien hemm miktub li qallu: "*Araħ*" jiġifieri: "Mur". Il-kelmiet: "Ara" u "Araħ", jixbħu ħafna lil xulxin.

San Luqa, waħdu, kiteb (XIX, 40) li meta Ġesù kien dieħel il-misraħ li hemm fuq Ġebel iż-Żejtun, il-ġemgħa tan-nies li kellu miegħu bdew jgħajjtu: "Mbierek il-Mèlek (sultan) li ġej b'Isem Adonaj!" U l-Faresîn qalulu: "Mgħallem, sikkithom lill-ixirka tiegħek!" U Ġesù weġibhom: "Jekk jisktu dawn, jgħajjat il-ħaġar!"

Imma, kif jista' jkun li jgħajjat il-ħaġar? Għax min jgħajjat jeħtieġ li jkollu l-pulmûn biex jieħu n-nifs; u jrid ikollu l-qanpiena tal-ħalq, biex tagħmel il-leħen, ħwejjeġ li l-ħaġar ma għandux. Kieku Ġesû qal hekk tas-sew, il-Faresîn x'kienu jaħsbu fuqu? Ħaġa ċâra: li ma jafx x'inhu jgħid! Imma bil-lsien ta' dak iż-żmien, "ħaġra" hi *eben* u "tifel" *ben*. Hawn qegħda l-għoqda. Ġesù qalilhom: "Jekk jisktu dawn (il-kbâr), jibqgħu jgħajtu s-subjien iż-żgħâr (el-ebwân). Għax lil dawk (min jaf x'dewwidija ta' tfal kien hemm, mill-Galilija kollha) min kien jista' jlaħħaq magħhom u jsikkithom? Mela aktarx, li Ġesù bil-lingwa tiegħu, lil Faresîn weġibhom hekk: "Lew sektu hawlân, s a r r ħ u l-*ebwân*!" U San Luqa, jew min kiteb qablu, *ebwân* ħadha bħala l-plural ta' *eben*, ħaġra, mhux ta' *ben*, li tfisser tifel, imdaqqas jew żgħir (12).

Sewwa San Mattew (XXI, 33) kemm San Mark (XII, 4) fl-Evanġelju tagħhom kitbu l-Parabbla li Ġesù qal lill-Kittieba u lil Faresîn, ġewwa t-Tempju, li biha wriehom li kien jaf bil-ħsebijiet li kellhom f'moħħhom, li jaqbduh u joqtluh barra mis-swâr tal-belt. Il-Parabbla hi dik tal-għalqa tad-dwieli li sidha bagħat il-qaddejja tiegħu għand il-ħaddiema biex jagħtûh il-għeneb, bħala qbiela, kif ftiehmu, u ma redux jagħtùh. Lit-tieni qaddej li bagħat, miktub fl-Evanġelju ta' San Mark, bil-Latin, li *darbuh f'rasu* (in capite illum vulneraverunt); u bil-Grieg, kelma li ma tistax toqgħod (kakeinon ekefaliosan), għax tfisser, tqassar, tgħid kollox fil-qasir (summatim caput rei refero) ħâġa li ma għandhiex x'taqsam mad-dwieli u mal-ħaddiema. Billi l-verb li kiteb

San Mark, bil-Grieg, ġej mill-isem'' "kefale", li tfisser "ras", nistgħu naħsbu l-kelma li qal Ġesù bil-lsien tiegħu x'kienet. Il-kelma li qal Ġesù aktarx, biex ma ngħidx ċert, kienet *rassewh*, kelma li għadhom jgħiduha l-Palestina u tfisser *tawh xebgħa*. Imma min qaleb il-kelma mill- Arami għal Grieg, donnu li ma kienx jaf xi tfisser, għal hekk ħaseb li ġejja minn *râs*, mhux minn *rass*, u kiteb l-eqreb verb bil-Grieg li sata'.

San Mattew għandu miktub fl-Evanġelju tiegħu (XXIV, 20), li Ġesù nhar it-Tlieta fil-għaxija, jumejn qabel ma miet, meta fisser littliet Appostli x'kellu jiġri minn Ġerusalem, fost kliem ieħor qalilhom: "Itolbu, biex il-ħarba tagħkom ma tkunx fis-xitwa, jew fis-*Sibt*!"

Fix-xitwa, kollox sewwa, jiftiehem għaliex. Għax jekk ma jsibux xi għar fejn jistkennu, ma jistgħux jorqdu barra, ħtija tax-xita u l-bard; u jekk jintemmilhom l-ikel li jkunu ħâdu magħhom, jew ikunu nsew jieħdu, ma jistgħux isibu frott fis-siġar, għax fix-xitwa ma jkunx hemm. Imma li Ġesù kien jifhem li ma kellhomx jaħarbu u jeħelsu ħajjithom biex ma jiksrux is-Sibt, m'hix ta' min jemminha. Għax jekk darba żamm jiebes li ma kenitx ħtija li bniedem jikser is-Sibt biex ma jbatix ġugħ (Matt, XII, 1-8), sejjer issa jgħoddha bi ħtija li wieħed jaħrab nhar ta' Sibt biex jeħles mill-mewt? Ma jidherx li għandu jkun hekk.

Il-ħaġa hi li aktarx il-kelma SBT (għax il-kitba Lhudija u Aramija dak iż-żmien kienet bla vokâli) fehmuha ħażin. Ġesù aktarx li qal lill-Appostli li jitolbu biex il-ħarba tagħhom ma tkunx fix-xitwa, jew bis-*sabta*, jiġifieri: għall-għarrieda, meta ma jkunux jistennewha. Hekk jiftiehem kollox sew; għax dak li jkun, meta jara fuqu l-għadu għall-għarrieda, jitħawwad u ma jafx x'jaqbad jagħmel, anqas ma jilħaq jieħu miegħu dak li jkun jeħtieġ.

Issa waħda oħra, tal-aħħar, għal did-darba; u naqtgħu hemm.

Hemm ġemgħa kliem, minn dak il-kliem Etern, Divin, Universali, li qal Sidna Ġesù, miktub fl-Evanġelju ta' San Mattew (XV, 11), li fih hemm kelma aktarx mifhuma u miktuba ħażin. Dan hu l-kliem: "M'hux dak li jmûr fil-fomm iniġġes in-nies; imma dak li jiġi mill-*fomm* dak iniġġes in-nies." U wara ftit, meta l-Appostli talbuħ ifisssrilhom sew, qalilhom (vv. 18, 19, 20): "Għax dak li joħroġ mill-*fomm*, jiġi mill-qalb, u dan iniġġes in-nies. Għax mill-qalb joħorġu l-ħsibijiet ħżiena, il-qtîl, iż-żena, is-serq, u l-gideb. U dawn huma l-ħwejjeġ li jniġġsu n-nies". Issa: "li jidħol fil-fomm ma jniġġisx", qegħda tajjeb wisq; imma kif jista' jkun li Ġesù jgħid li l-qtîl, iż-żena, u s-serq joħorġu mill-fomm? Il-gideb iwa; għax il-gideb kliem. Imma dawk it-tliet dnubiet l-oħra huma egħmîl, m'hux kliem; u l-egħmîl, ma joħroġx mill-fomm.

Aktarx, imma li Ġesù ma qalx *fomm*, imma kelma oħra tixbaħha, u min kiteb fehem ħażin u kiteb ħażin. Għax il-Palestina, fost kliem ieħor, "*fomm*" xi nħawi, jgħidulu "fimm", u għandu jkun li hekk qalha Ġesù. Kliemu, mela, aktarx li kien hekk: "M'hux li jidħol fil-*fimm*, iniġġes in-nies; imma li joħroġ mill-FIHM (jiġifieri mill-*fehma*, mill-intenzjoni), dak iniġġes in-nies. Għax mill-FIHM jiġi l-qtil, iż-żena, is-serq u l-ħalf fil-gideb." Hekk qegħda tajjeb wisq. Mill-intenzjoni, jew fehma, jiġi l-egħmil li nagħmlu bil-għàn. U l-egħmil

ħażin li nagħmlu bil-għan hu li jniġġes in-nies, m'hux l-ikel li wieħed jiekol, li jinżel fiż-żaqq u jibqa' għaddej.

U għal did-darba biż-żejjed. Naraw xi żewġ kelmiet oħra, k' il-Bambin jislifna l-għomor, xi darba oħra, 'l quddiem.

BEN JEHUZA.

(8) Din il-ġrajja msemmija wkoll minn san Mattew (VIII, 18-22), u dan isemmi wkoll *min kien jitħaddet* ma' Ġesù, wara li kien riekeb fid-dgħajsa. Il-wieħed kien il-Kittieb li qallu: "Mgħallem, irrid niġi wrajk kull fejn tmur", u Ġesù wieġbu: "It-tìleb għandhom ħofriethom, u t-tjur għandhom bejtiethom; u bin Adam ma għandux fejn imidd rasu!" U ieħor, li qallu: "Jien irrid niġi warajk, imma ħalli l-ewwel immur ngħid lil missieri". U Ġesù wieġbu: "Ejja miegħi, u ħalli, etc".

(9) Jiċħad lilu n-nifsu hi aktarx ukoll kelma mifhuma ħażin. Naħseb li kienet *ibaxxi rasu,* biex iż-żewġ tixbiħat ikunu l-waħda kontra l-oħra (minn fuq iniżżel rasu, u minn taħt italla' l-libsa), kif kien iħobb jitkellem Ġesù biex kliemu aktar iżomm f'moħħ min jisimgħu. *Tiċħad lilek in-nifsek* ma' tistamax fil-Palestini tal-lum, anqas ma jidher li hemm atar tagħha fil-kotba tal-Lhud ta' dik il-ħabta.

(10) San Mark għandu miktub "Sebħek", u san Mattew: "Melkutek" (saltnatek). Aktarx li san Mattew hu qrib issewwa, imma m'hux *MeLkutek,* qalulu lil Ġesù, imma *MeKlutek,* jiġifieri: *l-Ikla tiegħek,* għax fuq ix-xorb u l-ikel kellimhom Ġesù, m'hux fuq il-ħakma ta' xi bliet. U għad li ċanfarhom, donnu li wara tagħhom dak li talbu, għax Ġesù lil san Ġwann ħdejh qegħdu jiekol fil-Mikla tal-Għid (san Ġwann, XIII, 23), u jista' jkun li san Ġakbu kien in-naħa l-oħra tiegħu, għal kemm f'dil-ġrajja ma jissemmiex.

(11) Il-kelma "għammes" smajtha Ġaffa minn għand wieħed qassis Għarbi, meta darba morna xalâta hemmhekk, u qagħdna nieklu f'dar ta' qrabatu, ħada l-baħar. Kif konna nieklu (fuq ħasira fl-art, minn pâgna waħda!) il-qasis beda jgħid lil ta' ma' ġenbu: "Għammes, Jusef!", jiġifieri "bill!" U kienet ukoll fil-Malti, bħal ma jidher mill-qawl: "Alla jarfa u n-nies *tgħammes*" fejn tgħammes" tfisser: "tgħaddas 'l isfel". *Tbill* u *tgħaddas* ifissru ħaġa waħda, għax biex tbill il-biċċa tal-ħobż, trid tgħaddasha fil-meraq.

(12) Li "bwân" jew "ebwân" (bl-*alef prostetka*) bil-lingwa ta' Ġesù tfisser "tfal", ara san Mark, III v. 17, fejn Ġesù laqqam liż-żewġt itfal ta' Xalôma taż-Żabdi: *Bwân er-Regħex* (jew *ir-regħed*). U ara wkoll li l-Arâmi li kien jitkellem Ġesù ma kienx l-Arami tal-kitba, bħal ma jaħsbu l-għorrief, għax dak ma kienx fil l-artiklu "el", u ta' Ġesù kien fih. Semmiehom: *Bwân ER-Regħex* bl-artiklu "el" magħqud mal-ittra xemxija, bħal Palestini tal-lum.

# IL-BAĦAR IL-MEJJET

Il-Baħar il-Mejjet fih tul ta' 76 kilometru (kilometru huwa 5/8 ta' mil) u l-akbar wisa' 17-il kilometru. Il-firxa tiegħu hija ta' 920 kilometru mrebba'. Il-wiċċ tiegħu hu 392 metru taħt il-Mediterran. Sa fejn inqies s'issa, il-qiegħ tiegħu qiegħed 400 metru taħt il-wiċċ, imma fis-sewwa hemm inħawi li hu egħmiq 'il fuq minn 800.

Il-Baħar Mejjet fih imluħ bejn l-24 u 26 fil-mija. Għal hekk ebda xorta ta' ħut ma jgħix fih, anqas dud, anqas ħaxix fuq xtutu. L-ilma li jixħet fih il-Ġurdan jibqa' fih. għax ma għandu mkien min fejn joħroġ. Imma b'dana kollu ma jikber qatt, għax hemm isfel hemm sħana kbira u l-ilma li jidħol fil-baħar jarġa' jsir fwar bis-sħana u jitla' fl-arja, u l-baħar jibqa' daqs li jkun.

Billi bil-melħ li fih, huwa itqal minn ġisem il-bniedem, ħadd ma jista' jegħreq fil-Baħar il-Mejjet. Jingħad li Titu bin Vespasjanu ried jgħarraq fih 100 Lhudi, imma kif xeħethom, baqgħulu f'wiċċ l-ilma.

# DAWRA MAL-ART IMQADDSA

(*Jorbot mal-għadd ta' Ottubru-Diċembru* 1961)

Fost il-karti u dokumenti li għandi d-dar, wieħed mill-aktar għal qalbi, hu ċ-ċertifikat tal-Arċisqof Grieg Ortodoss ta' Sinaj, fejn jgħid li jien kont żort il-Monasteru ta' santa Katarina, u tlajt fuq il-Muntanja Mqaddsa ta' Sinaj, magħrufa ilum bl-isem ta' Ġebel Musa. Ngħid is-sewwa, qatt ma kien għaddieli minn rasi li xi darba sa jkolli x-xorti li nasal sa hemm: iżda, bil-għajnuna t'Alla, wasalt; u qattajt hemm erbgħat ijiem. Tlajt fuq Ġebel Musa u Ġebel Katrin, u rajt x'inhu sewwa d-deżert li fih il-Lhud qattgħu erbgħin sena sħaħ jiġġerrew, qabel ma daħlu l-art imwegħda.

*It-Tluq*. Kien it-28 ta' Ġunju 1956, meta, ftit qabel il-5 ta' wara nofs inhar, il-Kajr, ħdejn il-bieb tal-Kulleġġ tal-Ġeżwiti tas-Sagra Familja, fejn konna milqugħa, tfaċċaw ħames karozzi tal-kedd, mgħobbija bl-ikel, petrol, u ħwejjeġ oħra, meħtieġa għal vjaġġ twil u jiebes. Ix-xufiera kienu nies tal-qatgħa, mibruma u lesti għal kull ma jista' jinqala'. Fosthom kien hemm wieħed fuqhom il-koll; ieħor magħhom biex jagħmilha ta' kok, meta naslu. Dan kien mis-South Afrika, dħuli u ferrieħi, u ma jaqta' qalbu minn xejn.

F'xi l-5 nġbarna l-koll ħdejn il-bieb ta' barra, tqassamna f'ħames ġemgħat, u rkibna l-karozzi biex nerħulha lejn il-belt ta' Swejz, fuq ix-xatt tal-Baħar l-Aħmar, lesti, għal taħbita bla nifs, u għal kollox.

Tlaqna. Qsamna l-Kajr kollu; toroq wiesgħa, twal u sbieħ, siġar m'ogħla żewġ kanpnari; nies mixħuta fuq il-ħaxix, għal frisk tas-siġar. Wara ftit tas-sewqan ħriġna mill-Kajr, u sibna ruħna fi triq dritta-dritta, taqsam f'nofs wesgħa kbira ta' ramel kemm tara b'għajnejk: kien l-ewwel ħjiel tad-deżert tal-Eġittu; iżda l-kbir kien għadu ġej. Ma' tul it-triq ma kontx tara ħlief xi suldati għassa f'postijiet imwarrbin u tankijiet jew pompi taż-żejt. F'toroq bħal dawn, fis-sewqan ma hemmx rażan; ix-xufiera, min isuq l-iżjed. Triq dritta-dritta u wiesgħa, ma hemmx biża ta' ħbit; għal hekk, ix-xufier ma jħabbilx rasu. Jiftaħ ir-radju, u ħallih għaddej mitluf u mxaħxaħ fil-għana Għarbi, li għall-ewwel darba ħassejt kemm tas-sew jaqbel mal-monotonija tad-deżert jikwi taħt ix-xemx. U min qatt ma għadda mid-deżert, u raħ b'għajnejh, ma jafx x'inhu; l-ewwel tagħlima li tgħallimt dik il-lejla.

Konna ilna sejrin xi sagħtejn u nofs, meta l-karozza ta' quddiem nett ilwiet għal lemin u sibna ruħna ħdejn biċċa bini f'xatt il-baħar. Sa dan il-ħin kien dalam m'hux ħażin, u għal hekk ma stajniex nithennew sewwa bil-Baħar l-Aħmar, li kellu sehem kbir fil-ġrajja mqaddsa.

Ma konniex fil-belt tas-Swejz sewwa, iżda 'l barra minnha, fil-Hotel *Bel-Air*, li ta' bil-ħaqq jixirqilha dan l-isem; ma tistax tkun f'naħa isbaħ milli hi. Din il-lukanda, tista' tgħid mibnija fi xfar il-baħar, hi aktarx għall-Ewropej li jkunu jaħdmu dawk in-naħat. Dawn, hawn jiġu, 'il bogħod mis-sħana tal-belt. Il-*bar*, kien mimli bihom, jixorbu u jithennew bid-daqq Għarbi.

Hawnhekk tqassamna fi kmamar li kienu ħejjewlna, u morna nieklu.

L-ikel niżlilna għasel, wara dak il-vjaġġ kollu, għal beraħ tad-deżert. Kif temmejna l-ikla, morna nqattgħu siegħa fuq ir-ramel f'xatt il-Baħar l-Aħmar. Fix-xefaq bdew ifiġġu ħafna dwal: kienu l-vapuri riesqa lejn il-Kanal tas-Swejz, biex mas-sebħ jibdew għaddejja għal Mediterran. Jien ma nħossnix mogħti għal ħolm wisq, iżda xi minn daqqiet issib ruħek f'xi ħolma bla ma tistennieha, u hekk ġrali dak il-ħin. Ġibt quddiem għajnejja l-Lhud maħruba mill-Eġittu, imbeżżgħa, riesqa lejn il-baħar, qalbhom maqtugħa għaliex il-Farghun ġej warajhom bl-armata kollha tiegħu għall-ħelsien u s-salvazzjoni tagħna l-koll.

Meta għadda ftit taż-żmien, morna norqdu, bil-ħsieb li l-għada kellna nqumu bikri, biex mal-5 nitilqu lejn is-Sinaj. Fil-għodu kmieni, fil-4, konna l-koll fuq saqajna. Tnejn minna qaddsu fuq mejda tal-*bar*, u aħna tqarbinna minn idejhom. Wara, ħadna kolazzjon sewwa; għax quddiemna kellna vjaġġ liema bħalu, ta' jum sħiħ, sal-Monasteru ta' Sinaj.

*Lejn Sinaj.* Kien nhar l-Imnarja, fid-29 ta' Ġunju, fil-5 ta' fil-għodu meta tlaqna mill-Hotel *Bel-Air* ta' Swejz, għad-deżert. Wara ftit tas-



*L-Eġittu — Dehra ta' wieħed mill-bibien tal-Kajr, li jgħidulu: Bâb Fâtma.*

U meta ħasbu li kollox kien mitluf għalihom, jilmħu l-baħar jinferaq, u ssir mogħdija ġo nofsu . . . għalihom ilkoll, b'uliedhom, bil-bhejjem, u b'kull ma kellhom! Fejn sar dal-miraklu, ma nafux sewwa, u anqas hemm tama li għad inkunu nafu, iżda żgur li f'dawk in-naħiet. Hemm fix-xatt, bil-lejl, taħt sema jleqq u jiddi bil-kwiekeb tad-deżert, bil-għana Għarbi ġo widnejk, ma tistax ma tinsiex it-tgeġwiġ tal-ħajja tal-belt, u tmur bil-ħolm ta' moħħok f'dawk iż-żmenijiet imbegħda, meta Alla l-Imbierek kien qiegħed ijwettaq il-pjan tal-Providenza tiegħu, bi tħejjija sewqan għaddejna minn ġol-qalba tal-belt ta' Swejz, u wasalna f'xifer il-Kanal, fejn wieħed jista' jaqsam minnaħa għall-oħra bil-lanċa li kien hemm għal hekk. Kellna nistennew daqsxejn waħda, sa kemm isir il-ħin. Kien hemm ħafna ħaddiema lesti biex jaqsmu. Fl-aħħar qsamna f'lanċa tal-Kumpanija (jew aħjar: li *kienet* tal-Kumpanija tal-Kanal tas-Swejz. Għax xahrejn wara nqala' li nqala' u Naser ħataf il-Kanal f'idejh). Domna qisu xi kwarta sa ma wasalna x-xatt l-ieħor. U meta qbadna l-art, ħassejna li konna tlaqna dinja u dħalna f'oħra. Ma' dwarek xejn li xejn, ħlief

ramel fuq ramel safrani. Il-Kanal u l-baħar ma kienux qishom ħlief wied ta' ilma ikħal, għaddej bil-kalma minnofs ir-ramel. Li kieku ma kienx hemm laneċ apposta biex iħammlu r-ramel, kieku wara ftit taż-żmien il-Kanal jimtela bir-ramel, u ma jkun jiswa għal xejn. Sa kemm inġbarna l-koll u waslu l-karozzi, qagħadna nħarsu lejn il-vapuri għaddejja ma jaqtgħu qatt - vapuri tal-passiġġieri, tat-tagħbija, u taż-żejt, vapur wara l-ieħor....il-kummerċ tad-dinja, għaddej!

*L-Oasi ta' Mara.* Tgeddisna fil-karozzi. Lili messni f'waħda ħdejn ix-xufier, b'ieħor minn Luxemburg miegħi. Max-xufier stajt ngħid kelma sewwa, għax malli tarraftlu xi kelma bil-Malti malajr waqqaf widnejh u ħa nteress fija. Qalli li kien jaf xi Maltin is-Swejz u l-Kajr, u sirna ħbieb.

Tqabbdu l-makni u tlaqna lejn id-deżert. Għall-ewwel it-triq kienet tajba ħafna, kollha asfalt, dritta u wiesgħa, u...sħuna. Is-sħana bdiet tagħmel tagħha. Ix-xufiera kull ftit taż-żmien kienu jwaqqfu jberrdu l-makni, għax dawn is-sħana ħassewha daqsna. Kull fejn tħares ramel kull lewn: mewġa fuq mewġa ta' ramel isfar, u aktar ma jitbiegħed minnek, jieħu l-lewn kaħlani, sa kemm jitħalat mas-sema fix-xefaq. Il-bogħod-il-bogħod kienu jidhru l-għoljiet ġo nofs il-Penisla ta' Sinaj. Til-temaħ ukoll 'l hawn u 'l hemm xi antenna tal-pompi taż-żejt: is-sinjal waħdieni tas-seklu għoxrin f'dawn l-inħawi. Tara wkoll xi ġemel, jew tnejn marbuta ma' xulxin, immex-xija minn xi bidwi tax-xagħri, fuq xi wieħed minnhom riekba xi waħda minn-nisa tiegħu. Niftakar li meta konna dħalna ftit sewwa fix-xagħri, naraw wieħed minn dawn il-Bedwin b'martu fuq il-ġemel. Kif raw lilna, l-mara marret tinheba, u hu baqa' jistenna sa kemm għaddejna. Imbagħad raġa' għabba l-mara u telqu lejn triqthom.



*L-Eġittu — Dehra ta' biċċa mill-Kanal tas-Swejz.*

F'nofs triq waqafna ħdejn ġemgħa ta' siġar tal-palm, f'nofshom għadira ilma morr. Kienet l-ewwel darba li ħassejt x'jiġifieri, meta Mosè kiteb fil-Ġenesi: "U ħawwel il-Mulej Alla ġnien ta' hena, u hemm qiegħed lil Adam li kien għamel" (Ġen. II, 8). Wara dik il-monotonija tad-deżert, sħana u għatx, tħossok tieħu r-ruħ meta ssib ruħek f'nofs dik it-tużżana palm, ma' dwar in-nixxiegħa tal-ilma. Din hi l-*oasi*, u xi ħaġa hekk kellu f'rasu l-Kittieb Imqaddes meta fis-srilna l-Ġenna tal-Art: *oasi* kbira, f'nofs id-deżert, fejn l-ilma jgelgel, is-siġar isaltnu, u l-frott jgħajjex bhej-

jem u nies. Ħwejjeġ li fix-xagħri ma ssibhomx.

F'din l-*oasi* ta' Mara, il-lum magħrufa bħala l-Bjar ta' Mosè, waqfu l-Lhud għattxana, wara tlett ijiem mixi mill-Baħar l-Aħmar. Hawn sabu l-ilma morr, u bdew igergru għal Mosè talli ħariġhom mill-Eġittu biex imutu bil-għatx fir-ramel. Mosè, imqabbad minn Alla, qata' għasluġ u xeħtu fl-ilma, u l-ilma sar ħelu. U xorbu u telqu. (Esodu, XV, 22-26). Hawn qrajna biċċa mill-Iskrittura u ħsibna ftit fuq li kien ġara aktar minn tliett elef sena ilu. Ġibna quddiem għajnejna poplu bla tarf, min jgħid ħaġa u min jgħid oħra, imgħaddba għal Mosè għax ħariġhom hemm barra, qalbhom maqtugħa mill-ħniena t'Alla; u dan wara dawk il-mirakli kollha, fosthom il-qsim tal-Baħar l-Aħmar. U Alla flok ma kkastigahom, ħenn għalihom u sqiehom, ħalli jkomplu fi triqthom.

*F'Elim.* Tlaqna minn hemm wara li sellimna lill-Għarab li kienu joqogħdu dik in-naħa, jew aħjar, li kienu hemm għal xi ftit tal-jiem biex jisqu l-imrieħel tagħhom, u rħejnielha għal triqitna. It-triq bdiet tiħżien xi ftit; ma baqgħetx watja bħal qabel. Tfaċċaw ħafna tliegħi u nżieli, sa kemm sibna ruħna f'wied kollu palm, qasab, u għollieq. Hawn irġajna waqafna. Din kienet l-*oasi* ta' Elim, li l-Ktieb tal-Esodu jfissirha b'dan il-kliem: "Waslu Elim, fejn kien hemm tnax-il għajn tal-ilma u sebgħin siġra tat-tamar. Hemmhekk waqqfu l-egħrejjex ħdejn l-ilma" (Esodu, XV, 27). Minn dal-kliem stess tintebaħ bil-ferħ tannies meta ntasbu fl-art għal frisk taddell tal-palm, u tal-ilma tal-egħjun.

U aħna ma fraħniex anqas minnhom meta sibna ruħna barra mill-karozzi li sa dak il-ħin kienu saħnu sewwa, u kienu jeħtieġu ftit tat-tberrid. Hawn Patri North, il-Professur li kien qiegħed imexxina, fissrilna l-ġejografija tal-post; il-wied, u l-għejjun, u l-palm għadhom hemm. Jekk m'hux l-istess għadd, ma nafx; iżda l-arja tal-mistrieħ għadha żgur l-istess. Fil-Lvant sa ftit ilu, kollox kien wieqaf: il-bidla ħadd ma kien jaf x'inhi. Jgħaddu l-mijiet tas-snin, u kollox jibqa' xorta waħda: art, bhejjem, u nies.

DUN KARM SANT

# IX-XMARA TAL-ĠURDAN

Ix-xmara tal-Ġurdan imnissla mit-tidwib tas-silġ li hemm is-sena kollha fuq Ġebel ix-Xiħ, jew Monti Hermon. L-ilma ta' das-silġ jidħol fil-blat imbagħad joħroġ fi tliet għejjun, l-akbar minnhom hi l-għajn ta' Banija, li qegħda 329 metru ogħla mill-baħar Mediterran.

Il-Ġurdan jgħaddi mill-għadira l-Hule u mbagħad mill-Baħar ta' Tabarija, li joħroġ minnu f'naħa baxxa 212-il metru aktar minn wiċċ il-Mediterran. Il-Ġurdan minn hemm 'l isfel, jinżel b'saħħa kbira, u jagħmel ħafna dawrien, li b'hekk it-tul tiegħu jsir qrib tliett darbiet aktar milli kieku jimxi dritt. Fl-aħħar jinxeħet fil-Baħar Mejjet, li hu 392 metru taħt wiċċ il-baħar Mediterran. Jingħad li l-ilma li l-Ġurdan jixħet fil-Baħar Mejjet, hu sitt miljuni metri kubi kuljum.

# SIGAR IMQADDSA FIL-PALESTINA

L-art tal-Palestina, fejn hi nieqsa mis-siġar u l-ħaxîx, u fejn hi għal kollox xôrija. Ta' dan hemm aktar minn ħtija waħda; fosthom: in-nuqqâs tax-xita fix-xitwa, u s-sħâna qalîla il tagħmel fis-sajf. Barra minn dan, xi nħawi, bħal bejn Ġerusalem u l-Baħar il-Mejjet, l-art qargħija, u mielha minnha nfisha. Ħtijiet oħra huma: l-ħakma twîla u ħażîna tat-Torok (mill-1517 sal-1917), u t-telqa tan-nies li jgħammru fiha, li ftît iħobbu jinkeddu bix-xogħol.

Għal dan, kull ftît tal-ħdûra u kull roqgħa ħaxîx; u xi siġra weħedha jew xi ġemgħa siġar, li jinsâbu 'l hawn u 'l hemm, huma miżmûma b'għożża kbîra, donnhom xi ħâġa qaddîsa. Uħûd minn dawna miżmûma m'hux biss bi mqaddsa, imma wkoll b'egħmâra tal-erwieħ, tajibin jew ħżiena. Hawn sa nitħaddtu fuq uħûd minn dawn is-siġar, u fuq il-ħrejjef megħudîn fuqhom, maqlugħa mill-istħajjîl tal-Fellaħîn li jgħîxu qrîbhom.

Dawn in-naħiet tax-Xerq, hemm għadd kbîr ġmielu ta' siġar magħdûda bħala mqaddsa, u għal hekk miżmûma b'ġiħ u qîma. Siġar bħal dawn ikûnu dâri mdawra b'ħajt tas-sellieħ, mibni dawra mejt ma' kull siġra, daqs kemm ikûn il-wisa' tal-art imgħotti bil-friegħi tagħha. Ħadd ma jista' jidħol minn dan il-ħajt 'il ġewwa, jekk m'hux għal ħtieġa li għandha x'taqsam mad-Dîn. U min jidħol, għandu qabel ineħħi minn saqajh il-qorq jew żarbûn, xorta waħda daqs li kieku kien dieħel il-Ġemgħa, jew knisja ta' Muħammed. Siġar bħal dawn, ħadd ma jista' jaqtagħhom jew jiżborhom; jekk ikûnu tal-frott, il-frott tagħhom għandu jittieħed biss, biex bih jitfejjaq minn xi mard mîn jiekol minnu. Il-weraq niexef li jaqa' minnhom, ukoll għandu jittieħed biss biex issîr bih xi ħâġa qaddîsa, jew xi duwa. It-tajr u l-għasafar li jbejtu fihom, għandhom ikûnu magħdûda bħala mħârsa, u ħadd ma jista' jaqbadhom jew jieħu l-bajd jew il-friegħ tagħhom. Ma' dwar dawn is-siġar kemm il-darba l-Fellaħîn jagħmlu bħal għîd żgħîr, bid-daqq u ż-żfîn u l-għana u mix-għela ta' xema' jew imsiebaħ taż-żejt. U wisq drabi jagħmlulhom il-wegħdi, u bħala tifkîra jdendlu mal-friegħi tagħhom biċċiet taċ-ċraret minn ħwejjiġhom, jew xi troffa xagħar minn rashom, u xi karta miktûba bit-talb jew xi borża mimlija bil-ħelu.

Il-ħarrûb u t-tîn, il-ġummajż u l-kappâr, magħdûda bħala egħmâra tar-rwieħ ħżiena, u għal hekk ma humiex siġar imqaddsa. Huma magħdûda b'siġar imqaddsa fuq kollha: is-siġar taż-żejtun (żebbuġ mill-oħxon, dak il jittiekel u jingħasar minnu ż-żejt), m'hux biss għal ġîd li jâgħti lil bin-Adam, bħala ż-żejt, għall-ikel, dlik, u dawl, u żejtun għat-timlîħ, imma wkoll għax jgħîdu fuqu dil-ħrafa li ġejja.

Mela, jgħîdu l-Misilmîn is-siġar kollha ħerfu b'egħliem ta' niket għal mewt tan-Nèbi Muħammed, barra miż-żejtun, is-safsâf, il-ballût u l-lariġ, u xi siġra oħra. Meta dawn kienu mistoqsijîn għaliex ma neżgħux weraqhom, b'għelm is-sogħba, iż-żejtuna, bħala l-kbîra fosthom kollha, u li kellha d-dmîr li taħmi għal sħâbha, wieġbet hekk: "Is-siġriet l-oħra kollha li neżgħu weraqhom, urew egħliem nikithom *biss* minn

barra; imma aħna, li xej ma nqîsu dak li jgħîdu fuqna n-nies, imma *biss* inqîsu dak li jaħseb fuqna Allâh, li jara l-ġewwieni u hekk jagħraf x'hemm fil-qalb, nafu sewwa li Hu hieni bi mġebitna, għax in-niket tagħna għal mewt in-Nèbi qiegħed f'qalbna, u hu akbar min-niket tagħkom. Min ma jrîdx jemmen ħalli jġib il-għodda u jaqsam zokki, u jara b'għajnejħ li minn ġewwa jiena sewda, bil-għali għal mewt il-Profêta!"

Is-siġra tal-gomma tal-inċens (styrax ufficinalis), li miż-żerriegħa tagħha jsîru l-ħnienaq li jingħâd bihom it-tisbiħ (jiġifieri l-kliem tal-Misilmîn: "La Ilâha illa Allâh; la Ilâha illa Allâh; la Ilâha illa Allâh..." għal mijiet ta' drâbi), hija magħdûda wkoll bħala siġra mqaddsa, kif jgħîdu l-Fellaħîn, għal dan li ġara lill-Mosè. Meta Mosè ħarab minn għand Fargħun, fl-Eġittu, kif kien għajjien bil-mixi u tiewi bis-sħâna, għarraż fl-art il-ħatar li kellu f'idu, li kien fergħa minn din is-siġra, biex joqgħod ftit bil-qegħda fin-naqra ta' dell tagħha. Imma dak il-ħatar malajr raħħas u qabbeż il-friegħi, sar sġajra u ħareġ il-weraq u żahar ifuħ, u għamel dell biered kif kien amar għalih Allâh, hekk li Mosè qagħad taħtu u strieħ u thenna.

Hekk ukoll magħdûda bi mbierka l-ħaxîxa msemmija *Mirjamija* (salvia ceratophix), u jekk taħraq ġewwa d-dâr il-weraq niexef tagħha meta jkun hemm xi mxija tal-mard, bħal ġidri, deni isfar, (kolèra), pesta, baqla u ħafna mard ieħor li jittieħed, tħâres lilek u lil nies dârek minnu. Dil-qawwa ngħatât lil dil-ħaxîxa, dejjem kif jgħîdu l-Fellaħîn, għax Mirjam, omm Sîdna Għijsa (jiġifieri Marija omm Ġesù), meta kienet sejra lejn l-Eġittu bil-mixi, strieħet fid-dell tagħha u qatgħet ftît weraq minnha u mesħet bîh il-għaraq minn ġbînha u minn ġbîn l-Iben ċkejken tagħha Ġesù. Għal hekk, meta qamet biex tibqa' sejra, dâret lejn dik il-ħaxîxa u berkitha, u dik il-barka tagħha, tagħtiha l-qawwa li għandha issa.

Siġra oħra mbierka hija s-siġra taż-żinżel (zyziphus spina Christi). Dawn is-siġar fil-Palestîna wisq drâbi jitħawwlu bħala ħdûd, jew *limti*, biex jûru sa fejn jaslu l-artijiet ta' bejn raħal u raħal. Wisq nies fost il-Fellaħîn jemmnu li l-ħajt tal-Ġenna tal-art magħmûl minn siġar bħal dawna, u għal hekk ħadd ma jista' jsibha. Meta siġra taż-żinżel ikollha għomor erbgħîn sena, tiġi tgħammar fiha rûħ ta' xi qaddîs; għal hekk jagħmel ħażîn wisq min jaqta' siġra taż-żinżel li jkollha għomor aktar minn erbgħîn sena, għax imbagħad rûħ dak il-qaddîs ma jkollhiex fejn tgħammar, u titħallas bid-deni minn min ikûn għarrabha.

Barra miż-żinżel hemm għadd ta' siġar oħra magħdûda mill-Fellaħîn b'egħmâra ta' erwieħ qaddîsa. U — dejjem kif jgħîdu huma — drâbi, l-aktar nhar ta' Ħamîs fil-għaxija, minn dawn is-siġar joħroġ bħal dawl u jistama' ħoss ta' daqq u leħen ta' għâna ħafîf u ħelu. Meta mbagħad jidhru bħal sufarelli ħfief itîru minn siġra għal siġra, ifisser li l-erwieħ tal-qaddisîn għedîn jagħmlu bħal għîd bejniethom u jżuru 'l xulxîn (1).

Is-siġra l-aktar maħbûba u magħżûla b'egħmâra ta' dawn l-erwieħ qaddisa, imma hija s-siġra tat-tamarisk (tamaria syriaca), li hemm qatiegħ minnha fuq ix-xtût tax-xmâra tal-Ġurdân. Bil-lejl, meta jonfoħ ir-riħ, jgħîdu l-Għarab, jekk tgħaddi minn ma' ġenb dawn is-siġar, tisma'

sewwa minn bejn il-frieghi taghhom jissemma l-Isem għażiż u mqaddes: "Allâh!... Allâh!... Allâh!..."

Kif jgħîdu l-Fellaħîn dejjem (għax aħna dak li jgħîdu huma qegħdin niktbu), fil-lejl tal-Milied, is-siġar kollha tal-Palestîna u tas-Surija, l-aktar dawk li jgħîxu fuq xatt ix-xmâra tal-Ġurdân, f'nofs il-lejl ibaxxu rashom u jâgħtu qîma lil Ġesù Bambîn fil-ħin li ġie fid-dinja (2). Bħala prova ta' dan il-Fellaħîn jgħîdu din il-ġrajja: wieħed râġel darba, fil-lejl tal-Milied, kien sejjer Lidda riekeb fuq ħmâr. Wasal il-ħân (bħal kerrejja, jew lukanda fqîra), f'nofs il-lejl, u niżel u rabat il-ħmâr ma' siġra tal-palm fil-qrîb, li kienet immejla, u hu ħasibha li kienet mielet minnha nfisha, bix-xjuħija, jew għax mejjilha r-riħ. Meta ħareġ mill-ħân, wara ftît ħin, biex jagħlef il-ħmâr, baqa' mgħaġġeb għax sab il-palma wieqfa u l-imsejken ta' ħmâr imdendel minn râsu magħha. Fuq dan il-għidût, il-Għarab jemmnu bla biża' ta' għelt li s-siġar kollha jmîlu u jagħtu qîma lil Bambîn f'nofs il-lejl tal-Milied (3). U jekk tûri b'xi kelma li int ma temminx, tkûn magħdûd magħhom bħala wieħed mill-*kuffâr*, jiġifieri li ma temmen b'xejn.

Hemm ukoll ħaxîxa oħra ta' min ikun jaf biha, u li l-Għarab iħobbu jitħadtu fuqha. Din il-ħaxîxa jgħîdulha *għôxbet il-kurkgħa*, jiġifieri *l-ħaxîxa tal-fekrûna*. Min isîb ħaxîxa minn dawn, ikun tas-sew xortîh tajba, għax weraqha huwa tad-deheb sâfi. Barra minn dan, jekk xi ħadd ikollu x-xorti li jsîb waħda u jaqtagħha, ikollu fuqu r-riżq u l-barka, u jkollu fih bħal seħer li bih jiġbed lejh il-qalb ta' għajru, u jekk irîd, iġiegħel lil kull ħadd, nisa u rġiel, li jagħmlu kull ma jkun jixtieqhom hu.

Imqar jekk bla ma jaf jirfes b'sieqħu dil-ħaxîxa, tiġi fuqu din il-qawwa. Il-mogħoż u n-nagħaġ, jekk jiltaqgħu ma ħaxîxa minn dawna u jieklu minnha, snienhom isîru tad-deheb. Imma dil-ħaxîxa ħâġa kbîra biex tinsâb. Jingħad li f'raħal qrîb Ġerusalem, snîn ilu kien hemm Fellâħ li kien jaf kollox fuqha: fejn tinsâb, u f'liema żmien tas-sena tinbet u tikber. Wieħed Nisrâni minn Betlehem, għani għall-aħħar wegħdu li jagħtih kemxa sewwa ta' flûs jekk jgħarrfu fejn kien jista' jsibha. Imma dak il-Fellâħ, li kien ġej min-nisel ta' nies imweġġħa, ma ried għall ebda għâna u ebda ħlâs jgħîd fejn kienet tinsâb dik il-ħaxîxa, l-aktar lil wieħed Nisrâni.

Issa dak il-Fellâħ miet; u niżżel miegħu fil-qabar it-tagħrîf kollu ta' fejn tista' tinsab dik il-ħaxîxa!

*P. UBERTINU BERTI O.F.M.*

---

(1) Din, li jekk tgħaddi minn taħt is-siġar bil-lejl fis-skiet u d-dlam, tara bħal sufarelli ħfief itiru minn zokk ta' siġra għall-ieħor u tisma' bħal tpespis, smajtha wkoll hawn Malta, imma qatt ma rajtha. Min qalha, qal li raha hu n-nifsu; imma billi hu trabba Tunes, ma nafx rahiex Malta jew hemm.

(2) Hawn Malta wkoll fi ċkuniti kont nisma' 'l min jgħid li lejlet Lapsi, f'nofs il-lejl sew, il-baħar jeħla. Idum ħelu ftit kemm-kemm, kemm wieħed jilħaq ibill sebgħu u jduqu. Jgħidu wkoll li l-Bambin għal bil-għân ma jħallix il-baħar idum ħelu wisq, għax inkella l-iġfna kollha jegħerqu.

(3) Aktarx li din tas-siġar li fil-Milied, f'nofs il-lejl, imilu quddiem il-Bambin, ma hix qadima wisq, u nqalgħet mill-fatt li fil-misraħ ta' quddiem il-Bażilka ta' Bethlehem, hemm siġra tas-snûber (tal-prinjoli) li billi qegħda ġewwa l-bini, tawwlet iz-zokk wisq biex il-frieghi tagħha jsibu l-arja, u hekk bit-toqol mielet għal nofs il-misraħ, donnha qegħda rasha mmejla għal quddiem il-knisja. Il-Fellaħîn ftit iridu biex minn ħaġa żgħira jsawwru ħrafa kbira! (Noti tal-E:).

# Il-Fundament Bibliku tal-Quddiesa

Il-qawmien, li f'dawn l-aħħar snin qiegħed jinħass mad-dinja kollha Kattolika fil-Liturġija Mqaddsa għandu bħala għan tiegħu li jġedded fina l-Insara, li nieħdu sehem fit-talb tal-Knisja fil-Quddiesa u fis-Sagramenti, dawk il-fehmiet u dawk il-ħsebijiet li għalihom Ommna l-Knisja Mqaddsa waqqfet il-Liturġija.

Il-Liturġija ma hix xi spettakolu li aħna mmorru naraw mingħajr ma nieħdu sehem fih; bħal meta wieħed imur it-teatru, jokgħod bil-qiegħda u jħares biss! Le, il-Liturġija huwa t-talb u l-qima tal-Knisja, jiġifieri tas-Saċerdot u tal-fidili, u għad li s-Saċerdot għandu fih l-aqwa sehem, għaliex huwa l-Ministru t'Alla u tal-Knisja, il-fidili għandhom ukoll is-sehem tagħhom u aktar ma jingħaqdu mas-saċerdot u jieħdu sehem bit-talb u jifhmu t-tifsir ta' dak li jkun qiegħed isir fuq l-artal imqaddes, aktar il-Liturġija tqanqal fihom ħsibijiet u fehmiet qaddisa aktar tkattar fihom il-grazzja t'Alla, u għalhekk aktar iħossu l-ħtieġa li jifhmu aħjar il-Liturġija, sabiex aktar jissieħbu mas-Saċredot. Tabilħaqq is-Saċerdot ma jitlobx biss f'ismu, imma f'isem il-Knisja kollha, jiġifieri f'isem l-insara kollha u l-aktar f'ismu u f'isem dawk li jkunu miegħu u ma' dwaru ġewwa l-Knisja.

## IS-SENA LITURĠKA

Il-Knisja fil-Liturġija tfakkar, mhux biss imma wkoll iġġedded il-Misteru tal-Fidwa tagħna, il-Passsjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. U dan tagħmlu ma' tul is-sena kollha mill-Avvent, li bih tħejjina għall-Milied Imqaddes, il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni, meta l-Iben t'Alla sar bniedem biex jifdina, sar-Randan meta tħejjina għall-Ġimgħa l-Kbira, għall-Għid il-Kbir, kif ukoll għall-Miġja ta' l-Ispirtu s-Santu, Għid il-Ħamsin.

Dan il-Misteru, li fih tfakkarna l-Knisja Mqaddsa fil-Liturġija ma' tul is-sena huwa b'xi mod miġbur f'dik it-tifkira l-oħra ta' kull jum, li hija l-Quddiesa, għaliex fil-Quddiesa, il-Knisja tfakkarna u ġġedded għalina l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu il-Fidwa tagħna, il-Misteru tar-Redenzjoni.

Fil-Quddiesa aħna nsibu talb, tagħlim mill-Vanġeli u mill-Kotba Mqaddsa, u nsibu wkoll it-tiġdid tas-Sagrifiċċju li kien għamel Sidna Ġesù Kristu, meta bħala Saċerdot offra lill-Missier Tiegħu Lilu Nnifsu fuq is-Salib bħala vittma għall-fidwa tal-bnedmin kollha.

Dan it-talb, it-tagħlim, kif ukoll is-Sagrifiċċju ta' Sidna Ġesù Kristu, huma meħudin mill-Kotba Mqaddsa u għalhekk il-Kotba Mqaddsa huma l-fundament tal-Liturġija.

## IL-LITURĠIJA TAL-LHUD

Il-Lhud kellhom il-Liturġija tagħhom. Sa minn żmien Mosè huma kienu jaqraw il-Liġi: kien dmir tal-Leviti li jaqraw lin-nies u jgħallmuhom il-Kotba ta' Mosè. Meta Ġosija kien qiegħed isewwi t-Tempju ta' Ġerusalemm u sab moħbija f'sisien it-Tempju l-Liġi ta' Mosè huwa ġiegħel li dik il-Liġi tinqara lin-nies u tiġi mħarsa. U meta Esdra, wara li l-Lhud reġgħu lura mit-turrufnament ta' Babilonja, waqqaf it-Tempju ta'

Ġerusalemm huwa qara quddiem in-nies il-Liġi ta' Mosè. Wara Esdra daħlet fost il-Lhud id-drawwa li jwaqqfu d-Djar tat-Talb (Prosewka) kif ukoll id-Djar tal-Laqgħat (Sinagoga), fejn kienu jinġabru biex jitolbu u jaqraw il-Liġi ta' Mosè u aktar tard il-qari tal-Profeti. Kull nhar ta' Sibt, u fil-btajjel kienu jaqraw xi kotba oħra, bħal ktieb ta' Ester fil-festi tal-Purim. Kienet x'aktarx il-Liturġija li ġabret il-Kotba Mqaddsa tar-Rabta l-Qadima fi tliet ġabriet, magħrufin taħt l-ismijiet: Liġi, Profeti u Agjografi.

IL-LITURĠIJA NISRANIJA

Il-Liturġija Nisranija ħadet ħafna minn dik tal-Lhud. Nistgħu ngħidu li meta l-Insara nfirdu għalihom, huma ssuktaw il-għaqdiet tagħhom, mhux nhar ta' Sibt, imma f'jum il-Mulej, il-Ħadd, Dominika, u hemm huma wkoll kienu jaqraw mhux il-Liġi ta' Mosè, imma l-Vanġelu Mqaddes, il-ħajja u l-ħidma ta' Sidna Ġesù Kristu, il-Feddej tagħna, u għad li meta kien meħtieġ kienu jaqraw ukoll mill-Kotba ta' l-Għaqda l-Qadima, iżda minn flok il-qari tal-Profeti, huma kienu x'aktarx jaqraw mill-Kotba ta' l-Appostli, l-aktar mill-Ittri ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Fuq kollox huma daħħlu fil-Liturġija tagħhom it-Tifkira ta' l-Aħħar Ċena, kif kien ġiegħelhom Ġesù, li wara li bierek il-Ħobż u l-Inbid u bidilhom fil-Ġisem u d-Demm għażiż Tiegħu, qalilhom: "Dan għamlu b'tifkira Tiegħi." Din hija l-Liturġija Nisranija, din hija l-Quddiesa, li biż-żmien ħadet il-għamla tal-lum.

P. SERAFIN M. ZARB, O.P.

# IZ-ZEWGT AĦWA

Ġerusalem darba kien hemm żewġt aħwa subjien, li daqs kemm kienu jinħabbu, meta kibru u missierhom miet, ma qasmux ir-raba, imma baqgħu jaħdmu flimkien u jaqsmu dak li jagħmel il-wiċċ. Darba waħda ħasdu l-qamħ, u dirsuh u derrewh u qasmuh bil-kejl u għamlu godds għal kull wieħed. Dak il-lejl raqdu fuq it-tiben, ħada l-qamħ, li jewilla ma jiġux jisirquh il-ħallelin. Issa, wieħed minn dawn iż-żewġt aħwa kien miżżewweġ u kellu t-tfâl, imma l-ieħor kien għâdu għażeb.

Bil-lejl il-għażeb stembaħ u qabad jaħseb. Qal f'qalbu: "Issa jiena, għax sa nieħu qamħ daqs hija? Dak għandu min jiekol, il-mara u t-tfàl, imma jiena ma għandi l-ħadd, għax għadni għażeb." Għalhekk, qabad is-siegħ u ħa seba' siegħan mill-godds tiegħu u xeħethom fuq il-godds ta' ħuh, u raġa' raqad. Ftit wara stembaħ il-miżżewweġ, u qagħad ukoll jaħseb. Qal f'qalbu: "Issa jien, għax għandi nieħu qamħ daqs hija? Jiena miżżewweġ, imma hija miskin, għad irid jiżżewweġ. Aħjar ikollu qamħ aktar minni, ħalli jkollu x'ibiegħ". U qabad is-siegħ u kejjel seba' siegħan, u xeħethom fuq il-godds ta' ħuh. Kif qamu fil-għodu, it-tnejn baqgħu mistagħġbin għax raw li l-godds tal-wieħed kien daqs tal-ieħor xorta waħda. Fl-aħħar tkellmu, u qalu x'kienu għamlu. U bdew ifaħħru 'l Alla, u qalu: "Tassew li Alla jrid li n-nies jinħabbu; u lil dawk li jħobbu lil xulxin, Alla ma jħallihomx iqarqu b'xulxin, anqas fil-ġid, aħseb u ara fid-deni!"

# IS-SEJBIEN TA' L-EVANGELJU TA' SAN TUMAS (*)

Jum wieħed, fix-xitwa, għal ħabta tal-aħħar tas-sena 1945 jew l-ewwel tas-sena 1946, kien hemm żewġ Fellaħîn jagħżqu f'għalqa fl-Eġittu, f'naħa jgħidulha Nag-Hamadi, qrîb minn ħerba ta' Dejr qadîm tal-Insâra. Huma u jagħżqu sabu qolla tal-fuħħâr misdûda, mirdûma fl-art; u x'ħin qalgħuha u fetħuha, sâbu ġewwa fîha għadd ta' iħilfa, jew *envelopsijiet*, kbâr, tal-ġild u ġewwa kull ħlief, kien hemm ktieb tal-*papîru*, jew karti magħmula mill-qxur tal-qasab — dâk li bil-Malti, dâri, jgħidulhom bordi. Kienu miktubin bil-lsien Qopti, li bih fil-qedem kenu jitkellmu n-nies tal-Eġittu.

Il-kotba li nsâbu ġewwa l-qolla kienu tlettâx. Il-Fellaħîn li ma kenux jafu jaqraw anqas bil-Għarbi (aħseb ara bil-Qopti) ħasbu li jbigħuhom lil xi ħadd li jaf jaqra. Għal hekk marru sabu lil bin il-qassîs Qopti ta' hemm, wieħed jismu Andraos u wrewhomlu. Għal kemm anqas dan ma kien jaf wisq skola, fehem li dawk il-kotba, għal qdumithom, kellhom xi siwi; għal hekk xtrahom minn għand il-Fellaħîn tliet lîri Eġizzjâni, li jġibu qîsom tliet lîri u xelin u nofs tal-flus Maltîn.

Andraos dawk il-kotba biegħhom lil ħadd ieħor, u dâmu xi xhur jiġru fl-idejn, dân biegħhom lil dâk, bla ma ħadd ħa ħsieb jara x'kienu. Ktieb minnhom xtrâh wieħed Belġjan jismu Albert Eid, li raġa' biegħu u min xtrah bagħtu rigal lil wisq magħruf Professur tal-Psikoloġija Jung, egħluq it-tmenîn sena ta' għomru. Ktieb ieħor minnhom inxtara wkoll u sâb triqtu għal Mużew tal-Kotba Qodma Qoptîn. Il-ħdax l-oħra xtrahom kollha wieħed Grieg ta' Ċipru, joqgħod l-Eġittu, jismu Fokjos Tano.

Il-ktieb li kien inkiseb mill-Mużew Qopti ġie f'idejn wieħed Franċiż li kellu żmien jagħtih ħarsa. Dan intebah li dik il-kitba kellha siwi kbîr għal qdumitha, u kiteb dan f'xi ġurnâli tal-Ewropa. Għal hekk wieħed żagħżugħ Olandiż li kien jgħallem il-Grieg u l-Latin fl-Universià ta' Utrecht, qabad jitgħallem il-lingwa Qoptija biex ikun jista' jistudjahom; u hekk xterdet l-aħbar tas-sejba tal-Manuskritti ta' Nag Hamadi. Imma sas-sena 1949 ma kien għadu magħruf xejn x'kien fihom it-tnaxer ktieb l-oħra.

Ftît żmien wara dân, Fokjos Tano ħa dawn il-Manuskritti u mâr biex ibiegħhom lil Mużew tal-Kajr u talab tagħhom ħamsin elf lira (L.E. 50,000). Milli jidher ma kienx jaf bil-Liġi li kien hemm l-Eġittu wkoll, li

---

(*). Dan hu wieħed minn dawk l-Evanġelji li jgħidulhom *Apòkrifi,* maħrûġa mill-ewwel Insâra, li kotra minnhom ma kellhomx twemmin sewwa. Dan l-Evanġelju, ta' San Tumâs, kien moqri u mgħoddi bħala Kelma t'Alla mill-Insâra li jgħidulhom "Gnostki", mill-kelma Griega "gnosis", li tfisser "għerf", għax kienu jżommu li bniedem jidħol il-ġenna jekk ikun għaref fil-ħwejjeġ t'Alla, għad li Ġesù n-Nifsu stqarr (ara Matt. XXV m. 31-46) li jidħol il-ġenna mîn ikûn għamel il-ġîd ma' tûl ħajtu. Fuq dawn in-nies ma nistgħux niktbu fit-tûl hawnhekk, għax hemm x'wieħed jgħid wisq fuqhom, billi kienu f'għadd kbîr u kellhom ħafna friegħi; imma jista' jkun li niktbu xi ħâġa fuqhom biss, 'il quddiem.

kull ħâġa li tinsab hija ħwejjeġ il-pajjiż fejn insâbet, u għal hekk ma tistâx tinżamm għand nies fardija, jew *privati*. Għal hekk sjied il-Mużew il-kotba ħaduhom bil-valiġġetta b'kollox li Tano kien ġiebhom fiha, u żammewhom hemm, fil-Mużew.

Professur ieħor Franċiż, b'ħafna taħbît, kiseb kopja ta' ftit faċċati mill-Manuskritti li kien hemm fil-Kajr, maqbudin minn għand Fokjos Tano, u ssaħħar fuqhom, u qagħad jaqrahom u jarġa' jaqrahom. Darba, kif kien jaqra fihom ġew taħt għajnejh dawn il-kelmiet: "Dawn huma l-Qwiel..." li deherlu li kien qrahom xi darba oħra u ma jafx fejn u meta. Jaħseb u jaħseb, fl-aħħar ftakar li dawk il-kelmiet kienu nsâbu miktuba bil-Grieg fuq faċċata bordi fl-1903 fl-Eġittu, u kienu magħrûfa bħala kliem meħud minn Evanġelju mitluf!

Dan il-Professur Franċiż kiteb lill-Professur l-ieħor, l-Olandiż, u qallu li dak l-Evanġelju l-Mitluf aktarx li kien jinsab, qawwi sħiħ, mal-Manuskritti ta' Nag Hamadi, li qegħdin fil-Mużew tal-Kajr. Għal hekk iż-żewġ Professuri baqgħu jiktbu lil xulxîn u jiftiehmu kif jistgħu jagħmlu ħalli jsîbu wast li jfittxu dak l-Evanġelju qalb il-Manuskritti Qoptîn tal-Kajr.

Fl-aħħar qatgħu x'għandhom jagħmlu. Ftiehmu li jiksbu l-flus minn xi mkien biex jixtru dak il-Manuskritt li kien xtrâħ il-Belġjan Albert Eid u bagħtu lil Psikolgu Jung (għax Jung sa dak iż-żmien kien laħaq miet) u mbagħad jagħtuh lil Mużew tal-Kajr. Bi ħlas tiegħu ma kienux jitolbu flus; jitolbu biss il-ħalla jew *permess*, li jaraw il-Manuskritti ta' Nag Hamadi l-oħra. Il-ftehima seħħet, għax il-flus kisbuhom tas-sew minn għand Xirka tat-Tagħlim tal-Qedem, Svizzera; hekk xtraw il-Manuskritt (u tgħidx kemm tħabtu u kemm inqala' għakkux sa kemm rawh f'idejhom!) u kitbu l-Kajr u l-għotja tagħhom kienet milqugħa bil-ferħa. U d-Direttur tal-Mużew stieden minn rajh liż-żewġ Professuri li jmorru l-Kajr u jikkoppjaw dak li jrîdu mill-Manuskritti msemmija.

Marru l-Kajr, il-Professuri; u kif kienu hemm inqalgħet il-Gwerra tas-Swez. Imma huma webbsu rashom u għad li ħajjithom kint imdendla, temmew ix-xewqa tagħhom. Il-Professur Fâher Labib, rajjes il-Mużew, fetħilhom il-valiġġetta tal-Grieg Fokjos Tano, bil-Manuskritti fiha. B'qalbhom ittaqtaq qallbu l-faċċati ta' ftit minnhom, sa kemm fil-bidu ta' ktieb sabu dawk il-kelmiet ta' seħer: "Dawn huma l-Qwiel il-Moħbija, li Ġesù l-Ħaj qal, u Tumas Ġuda kiteb". U hekk, mela, wara dawn il-mijjiet tas-snîn kollha, l-Evanġelju ta' san Tumâs, mixtieq u mibki minn wisq għaliema, kien insâb! "*X*"

## QWIEL TAL-PALESTINA

*Ħa li jwaffer, aħsan minn ħa li jġib.* Dak li *jiffranka*, aħjar minn dak li jkollu *r-renta*. Bil-latin hemm qawl jixbaħ lil dan: *Parsimonia magnum est vectigal*, jiġifieri: *L-ekonomija hija renta kbira*. Jekk dan il-qawl m'hux minnu għal kollox, għandu ħafna mis-sewwa, għax wisq nies li jiftaqru, jew li jibqgħu foqra ħajjithom kollha, issibhom bid-drawwa ħażina li ma jibżgħux għal ħabba.

# FEJN TWIELDET IL-MADONNA

Fit-tarf tal-belt ta' Ġerusalêm, ftit 'il ġewwa mis-sûr li jâgħti għal fûq il-wied ta' Kedron, malli tidħol minn bieb li jgħidulu *Bâb Sitti Mìrjam*, hemm qatgħa bini, u knisja miegħu, ta' żmien is-Salibijìn. Il-Għarab dil-knisja jgħidûlha *s-Salaħija*, u l-Insâra jsibuha bl-isem ta' *sant'Anna*. Jgħidulha hekk, l-Insâra, għax kif ingħâd mill-qedem nett — qîsu minn żmien l-Appostli, — fejn issa hemm il-knisja, kienet tinsâb id-dâr ta' sant' Anna, u hemm tnisslet u twieldet il-Madonna, dik li ġiebet fid-dinja lil-Ħellies, jiġifieri lil Ġesù.

laume Postel, li raġa' kixfu, fis-sena 1552. Aktarx li fil-bidu, dal-ktieb, kien qasîr u serju, imma issa fih ħafna kliem miżjûd, għâd li ż-żjieda li fîh drâbi tista' titgħarbel u titnaqqa. Il-qalba ta' dal-ktieb huwa għidût bikri tal-Insâra ta' Ġerusalêm. U barra minn dal-ktieb hemm raġunijiet oħra biex jitwemmen il-għìdut li l-Madonna twieldet Ġerusalêm, kif sa naraw.

Ewsebju, Isqof ta' Qajsarija, fil-Palestîna (265-340) fl-istorja tal-knisja li kiteb, niżżel l-ismijiet tal-ewwel tlittaxar Isqof tal-Insâra f'Ġerusa-



*Ġerusalem — Il-knisja ta' sant'Anna minn barra. Dil-knisja mibnija mis-Salibîn, jew* 'Crociati' *fis-Seklu XII. Ma' ġenbha, quddiem il-palma l-kbîra tidher wieqfa kolonna ta' żmien ir-Rumani.*

Imma, minn fejn hu magħrûf dân, li l-Madonna twieldet Ġerusalem?

Dan inkiteb l-ewwel darba fi ktieb antîk għall-aħħar, jekk m'hux daqs l-Evanġelji Kanonki, ftit anqas minnhom. Dal-ktieb isemmìh Oriġenes, li għêx bejn is-snìn 185, u 254 (u jiġi minnu li l-ktieb kien miktûb żmien twîl ġmielu qabel). Jgħîd Oriġenes li dal-ktieb kien jismu "Ktieb Ġâkbu" (*Ġâkbu* jiġifieri l-ewwel Isqof ta' Ġerusalêm, dak li kienu jgħidulu *Ħu Kristu*); u l-ktieb għâdu jinsâb, imma issa jgħidulu "Protevanġelju ta' Ġâkbu", għax hekk semmieh Guil-

lêm, li laħqu wara li miet Ġesû. B'hekk aħna nafu sewwa li ż-żmien kollu mill-mewt ta' Ġesù sa kemm Hadrijânu bena mill-ġdîd lil Ġerusalêm u semmieha *Aelia*, fis-sena 135, fil-belt imqaddsa kien hemm Xirka kbîra ġmielha ta' Nsâra (għax li ma kienx hemm Insâra, l-Isqfijiet għal fejn?); għal hekk, il Madonna, bħala Omm il-Ħelllies, kellha qîma kbîra fost l-Insâra, u bis-saħħa ta' dil-qîma, bħal ma żammet għażiża t-tifkîra ta' fejn mietet u fejn difnuha, ma jistâx ikûn li ma tkunx miżmûma b'għożża t-tifkîra tal-imkien fejn

twieldet ukoll. Għal hekk il-għidût imniżżel fil-ktieb imsemmi "Protevanġelju ta' Ġâkbu" hu ta' min jemmnu għax jaqbel mal-ġrajja tażżmien.

Mela: il-għidût li l-Madonna twieldet Ġerusalêm, għandu mill-anqas mill-bidu tat-Tieni Seklu, u kif sa naraw, baqa' sejjer sal-lûm.



*Ġerusalem — Il-knisja ta' Sant' Anna minn ġewwa. Bi tliet navi. Twila 112-il pied u wiesgħa 66. Fuq l-apside jew kor tidher tieqa mġennba lejn il-lemin. Kien isir hekk biex l-Insâra j'ftakru fi Kristu mejjet fuq is-salib, b'rasu lejn il-lemin.*

Kif jgħîd il-għaref Dumnikân Père Vincent (dak li miet m'ilux, u ġibna l-aħbâr ta' mewtu u xi ħâġa fuq ħajtu f'dan il-Qari s-sena l-oħra, għadd 3, Lulju-Settembru, faċċata 90) il-knisja li hemm il-lum kienet mibnija fi mkien oħra eqdem minnha, aktarx ta' żmien Ewdoċja, mart Teodosju II, Imperatûr tal-Biżantîni, għal ħabta ta' bejn is-sîn 438 u 460. Tarġa' dil-knisja kienet mibnija wkoll fuq il-fdâl ta' Maqdes żgħir, ta' żmien l-Antonîni, bejn is-snîn 96 u 192. Dan kollu qâlu Père Vincent, Arkejolgu mill-aqwa, meta fela sewwa l-fdâl li nsâb taħt l-art tal-knisja li hemm issa, waqt li kienu jħaffru taħtha biex isewwuha fis-sena 1896. Mela, minn hekk jidher li għal ħabta tal-aħħar tal-Ewwel Seklu, l-Insâra ta' Ġerusalêm, rawwmu naqra ta' Maqdes fejn twieldet il-Madonna (bħal ma għamlu wkoll l-Insâra ta' Nazaret, dak iż-żmien, kif inkixef ilu xi sentejn), u mbagħad fi żmien il-Biżantîni, bdiel il-Maqdes inbniet knisja kbajra. Dil-knisja jsemmiha wieħed Djâknu li żâr lil Ġerusalêm fis-sena 520; jgħîd li qrîb il-menqa fejn Ġesù saħħaħ il-magħtûb nhar ta' Sibt (Evanġelju ta' san Ġwann, V, 1-9) hemm knisja *ta' santa Marija* (*Juxta Piscinam Probaticam, ibi est ecclesia Dominae Mariae*). U fis-sena 635, il-Patriajrka ta' Ġerusalêm ta' dak iż-żmien, san Sofronju, dil-knisja jsemmiha wkoll, hekk: "Fil-Probatka Mqaddsa nidħol, fejn Anna l-Mixħûra wildet lil Marija (*In Probaticam Sanctam ingrediar, ubi Anna Praeclara peperit Mariam*). U fl-aħħar, il-Kalendarju ta' Ġerusalêm tas-Seklu VII u VIII, fih miktûb hekk: 8 *Septembris*: *in Probatica, ubi fuerat Domus Joachim*: *Nativitas Sanctae Matris Dei* (Fit-8 ta' Settembru, fil-Probatka, fejn kienet Dar Ġwakkin: Twelid tal-Imbierka Omm Alla). U jibqgħu sejrin hekk, isemmuha sa żmienna.

Lil dil-knisja, maż-żmien, inbidlilha l-isem; u minn knisja *ta' santa Marija*, sa mis-Seklu IX 'l hawn,

bdew jgħidulha knisja *ta' sant'Anna*. Fis-Seklu XII is-Salibijîn, jew *Crociati*, ħattewha u bnewha mill-ġdîd, u magħha bnew Dejr kbîr għan-nisa, li kellu renti wisq. F'dan id-Dejr daħlu jgħîxu bħala Raħbiet, Alda, mart ir-Re Baldwinu I u Ġuditta (jew Yvetta), bint ir-Re Baldwinu II, oħt ir-Reġina Melisenda. Fis-sena 1192, kif tgħîd kitba bil-Għarbi li hemm fûq il-bieb, Sâleh id-Dîn (dak li għaleb lis-Salibijîn fit-taqbida ta' Hat-Tîn, u ħadilhom Ġerusalêm, fis-sena 1187), dil-Knisja ħadha u għamilha skôla, u ħâdet l-isem ta' *Mìdrasat is-Salahija*, kîf għadhom isibûha l-Għarab ta' Ġerusalêm sal-lûm.

Ġerusalêm u jżûr dil-knisja, jekk isaqsi għaliha, juruhielu). Fis-Seklu XV il-Franġiskâni qalgħu minn għand is-Sultân tat-Torok, li jistgħu jqaddsu żewġ quddisiet fis-sena ġewwa dak l-Għar; għal hekk dawn iż-żewġ quddisiet kienu jqaddsuhom waħda fit-8 ta' Settembru, nhar it-Twelîd tal-Madonna, u l-oħra fit-8 ta' Diċembru, nhar it-Tnissîl Sâfi tagħha.

Wara l-gwerra ta' Krimeja (1853-1856), billi fiha l-Franċiżi u t-Torok kienu sħâb u għenu lil xulxîn, is-Sultân ta' Kostantinopli ta' dak iż-żmien, Għabd-ul-Meġîd, tagħa l-ħerba tal-knisja ta' sant'Anna u tal-bini ta' ma' dwarha lil Franza. Għal



*Ġerusalem — Il-Kripta, taħt il-knisja ta' sant'Anna, fejn jingħâd li twieldet il-Madonna. Fuq ir-rħâm. fil-ħajt, hemm is - Sliema miktuba f'għadd kbir ta' ilsna, fosthom il-Mâlti.*

Fiż-żmien li dil-knisja u dad-Dejr kienu jinsâbu taħt idejn il-Misilmîn, il-Franġiskâni tat-Terra Santa kienu jagħmlu minn kollox biex iseħħilhom jidħlu huma u jdaħħlu liż-żawwarîn ġewwa l-Għâr li hemm taħt il-knisja, li fih twieldet il-Madonna, biex iżuruh u jgħîdu t-talb ġewwa fih. Hemmekk ma kienux jistgħu jidħlu għajr fil-għodu bikri, meta jkûn għâdu d-dlâm, ħalli l-Għarab ma jarawhomx. U biex jidħlu kienu jrîdu jiddendlu b'ħabel minn ġewwa tieqa, (dit-tieqa għadha hemm, u min imûr

hekk il-Ħakma Franċiża qabbdet lill-Inġinjier M. Mauss li jsewwi l-knisja u jdûrha dawra sewwa. U hekk għamel dan; u bil-għaqal tiegħu, sewwa l-knisja imma ħallieha f'kollox kif bnewha s-Salibijîn, għal hekk hi għâdha sal-lum l-isbaħ turija tal-bini tal-knejjes ta' dik il-ħabta fil-Palestîna. Fis-sena 1878 il-Ħakma Franċiża ħalliet dik il-knisja f'idejn ir-Rħieb il-Bojod, ta' Tunes, li kien għadu kemm sejjishom il-Kardinâl Levigerie. S'issa għadha f'idejhom, u għedin jieħdu ħsieb irabbu u jħarr-

ġu hemm lil Kjierki Griegi Kattolki ta' Ġerusalêm. Dawn ir-Rħieb, hemmekk, għandhom ukoll Mużew Bibliku, u lil kull min jitlobhom, juruhulu.

Issa naraw ftit kif inhu miktûb fil-ktieb "Protevanġelju ta' Ġâkbu" (dak li semmejna l-ewwel) li ġara t-Tnissil u t-Twelid tal-Madonna. Naraw ftit il-bidu tal-ktieb biss, għax hu twîl ħafna. U sa fejn naraw, inqassruh u niċċarawh ftit. Dan hu li jgħid dak il-ktieb:

*F'waħda mit-tnaxer Tajfa ta' Israêl kien hemm râġel għani jismu Jaqîm u għal debħa waħda, fit-Tempju, kien jidboh tnejn, għax kien jgħid f'qalbu: "Debħa minnhom tmûr għalija, biex Alla jaħfirli dnubieti u jieqaf miegħi, u d-debħa l-oħra, tmûr għal ħtiġiet tal-pôplu kollu".*

*Darba waħda kien Għîd Kbîr u Ulied Israêl resqu jqaddmu debħiethom 'l Alla, b'idejn il-Qassîs. U meta resaq Jaqîm bid-debhiet tiegħu, Ruben, il-Qassîs waqqfu u qallu: "Ma jiswiex għalik, li tqaddem għotjiet 'l Alla, għax int ma għandekx ulied f'Israêl". U Jaqîm, għal dal-kliem tal-Qassîs inkiser, u qalbu tnikktet wisq u telaq. U mar ifittex fil-kotba tat-Tnaxer Tajfa ta' Israêl u qal: "Irrîd nara hux jien waħdi li ma għandîx ulied f'Israêl". U fittex u sâb li r-rġiel seqdîn kollha nisslu u rabbew ulied f'Israêl. U ftakar fil-Patriajrka Abraham kif fi xjuħîtu kellu iben u semmieh Isħâk. U Jaqîm sogħob bih wisq, u ma weriex rûħu lil martu Anna, imma telaq lejn il-ġbiel, u waqqaf għarîxtu hemm, u sâm erbgħîn nhar u erbgħin lejl. U qal f'qalbu: "Ma ninżilx minn hawn fûq, u la biex niekol u anqas biex nixrob, sa kemm Alla Sidi jżûrni. U t-talb tiegħi sa jkun għalija xorb u ikel".*

*U martu Anna bdiet tixgħer u titnikket għal żewġ hemmijiet, u qâlet: "Nitnikket għax sfajt bla râġel, u nitnikket għax jien bla wlied". U ġie l-Għîd il-Kbîr, u Judit il-qaddejja t'Anna qaltilha: "Kemm sa ddum rûħek kiebja? Għîd il-Kbîr wasal, u ma jiswiex li tnikket qalbek. Ħa', ilbes dit-terħa tar-râs li tathieli mgħallmet xogħli, għax jien ma nistâx nilbisha, għax jien qaddejja, u t-terħa fiha egħliem is-Slâten". U Anna qaltilha: "Itlaq minn hawn! Ara jien ma għamilt ebda deni u l-Mulej għakkisni daqs hekk; x'ikun minni, mela, jekk dik it-terħa tahielek xi ħadd b'ħażen, u jien ikolli sehem fi dnûbek?" U Judit għadbet u qaltilha: "Ma hemmx għal fejn nisħtek, għax nâf li minn issa għandek saħta fuqek, la darba Alla għalaqlek ġûfek, u ma għandekx ulied f'Israêl!" U Anna tnikktet wisq għal dal-kliem, u newwħet tinwîħ kbîr għax kienet immaqdra fost in-nisa ta' Israêl. U daħlet fiha nfisha u qâlet: "X'għandi nagħmel, ħlief nitlob 'l Alla bil-biki, biex iżûrni?" U neżgħet ilbies in-niket, u ħaslet rasha u maxtet dlielha u libset il-libsa talegħrusija. U għal xi d-disa' siegħa niżlet iddur fi ġnienha.*

*U kien hemm siġra tar-rand u qagħdet bil-qegħda taħtha, u biddmugħ f'għajnejha bdiet titlob 'l Alla u tgħîd: "Alla ta' missirijieti, berikni u isma' talbi, bħal ma berikt lil Sâra u tajtha iben lill-Isħâk." U kif tħares 'il fûq, ġewwa s-siġra tar-rand, lemħet għixx għasâfar. U bdiet tnewwaħ weħedha u tgħîd: "Imsejkna jien! Għal fejn ġejt fid-dinja? U għal liema għan*

*ħriġt minn ġûf ommi? Sfajt bħala saħta bejn il-bniet ta' Israêl, immaqdra u mgħajjba u mkeċċija mit-Tempju tal-Mulej! Imsejkna jien! M'iex nixxebbah? Jien anqas mit-tajr tal-ajru, għax it-tajr tal-ajru għandu l-friegħ! Jien anqas mill-bhejjem tax-xôri, għax il-bhejjem tax-xori għandhom il-friegħ. U jien anqas mill-ħût tal-baħar, għax il-ħût tal-baħar ukoll għandu l-friegħ. Jien saħansitra anqas mit-trâb tal-art, għax sat-trâb tal-art italla' l-ħaxix u jkabbar is-siġar, fi żmienu, bil-barka tiegħek, ja Mulejja!"*

*F'daqqa l-Anġlu tal-Mulej dehrilha u qalilha: "Anna, ja Anna, la titnikkitx aktar! Ara li inti sa tnissel u tiled, u 'l min iġġib fid-dinja sa jkun imsemmi mal-artijiet kollha!" U Anna weġbitu: "Kîf jgħîx Alla! Lil mîn inġib fid-dinja, bint jew iben, inweghdu lil Mulej, u nagħtîh għal qadi tiegħu il-jiem kollha ta' ħajtu!"*

*U dak il-ħin waslu żewġ baxxâra u qalu lil Anna: "Anna, ja Anna, ara li żewġek Jaqîm ġej bl-imrieħel tiegħu. Mûr, ħalli tilqgħu f'bieb il-belt!"*

*Għax l-Anġlu t'Alla kien deher lil Jaqîm fuq il-ġbiel u qallu: "Jaqîm, ja Jaqim! Ara li l-Mulej Alla sama' talbek! Għaġġel u inżel mill-ġbiel, għax martek Anna sejra tnissel!" U Jaqîm niżel mill-ġbiel u għajjat lir-raħħâla tiegħu u qalilhom: "Agħżlu mill-merħla għaxart iħrief bla tebgħa, ħalli jkunu debħa lil Mulej. U agħżlu għaxart għoġiela torja, ħalli jkunu debħa għal-Qassisîn u x-Xjuħ. U agħżlu mitt gidi, ħalli jkûnu debħa għal ġemgħa tan-nies." U Jaqîm ġie bl-imrieħel tiegħu, u Anna martu kienet wieqfa tistennieh f'bieb il-belt. U râtu ġej, Anna, u għarfitu u ġriet biex tiltaqa' miegħu. U għannqitu u qaltlu: "Issa nâf li Alla berikni b'barka kbîra; għax kont bla żewġ, u issa għandi żewġi, u kont blà wlied, u issa sa jkolli!" U Jaqîm l-ewwel jûm qagħad jistrieħ id-dâr u l-għâda qâm u ressaq fit-Tempju il-għotjiet tiegħu. U qal f'qalbu: "Jekk il-Mulej Alla tħannen għalija, nara rûħi sâfi fil-mera ta' fûq ġbîn il-Qassîs." U meta Jaqîm qaddem għotjietu, ħares sewwa fil-mera ta' fûq ġbîn il-Qassîs, kif kien tiela' fuq il-midbaħ. U ra lilu n-nifsu bla tebgħa, ġewwa fiha. U qal Jaqîm: "Issa nâf li Alla tħannen għalija u ħafirli dnubieti!" U niżel mit-Tempju t'Alla mseddaq, u mar lejn id-dar.*

*U Anna nisslet. U żmien ix-xhur tagħha, għadda; u fid-disa' xahar wildet. U qalet lil qâbla: "Għidli x'ġibt!" U l-qâbla weġbitha: "Ġibt bint!" U Anna qâlet: "Ruħi tkabbret f'dan il-jum", u mteddet. U meta għaddew il-jiem tagħha, Anna nsfiet u reddgħet lit-tarbija, u semmietha Marija. U ium wara jum, it-tifla kienet tikber u titqawwa. U meta t-tifla kellha sitt xhur, Anna waqqfitha fl-art ħalli tara teqafx weħedha. U t-tifla waqfet u mxiet seba' passi, u marret intefgħet fi ħdân ommha. U Anna refgħetha u qaltilha: "Kîf jgħîx il-Mulej Alla tiegħi, inti ma timxîx aktar fuq dil-art, sa ma jasal il-jum li fih nieħdok fit-Tempju t'Alla!"*

* * *

U l-ktieb jibqa' sejjer, fûq kîf sant'Anna ħadet il-Madonna fit-Tempju, meta għalqet tlet snîn u fûq kif trabbiet hemmekka; u l-bqija, sa l-qtil tat-Trâbi bla ħtija u l-mewt ta' Erôdi.

*P. Anton Olivan, O.F.M.*

# ID-DEJR WAHXI TA' MAR-SABA

Min qatt ma râ b'għajnejh id-Dejr ta' Mar-Sâba, isîbha bi tqîla wisq li jifhem il-ġmiel tiegħu li jwaħħax. Tfisser kemm tfisser bil-kliem, ma tista' qatt iġġib quddiem għajnejn min jaqra xolha tajba ta' dak id-Dejr. Jista' dak li jkûn ixebbħu ma' xi Dejr ieħor li jâfu qabel; imma kollu għal xejn. Għax id-Dejr ta' Mar-Sâba ma tistâx ixebbħu ma' ebda Dejr ieħor, ikûn kemm ikun imwarrab.

Dad-Dejr jinsâb disat imjiel u nofs bgħîd minn Ġerusalem, fil-waħx u l-ħeda; hu u l-bini ta' ma' dwâru, imdaħħlîn ġewwa l-blât, u fuq il-blât, ta' xifer mix-xfâr tal-wied ta' Kid-



*Id-Dejr ta' Mar-Sâba — Fil-għoli jidhru ż-żewġt ibrâġ imsemmija f'dil kitba. Fil-lemin, fuq il-bini mtarraġ, tidher il-koppla tal-knisja u ma' ġenbha l-kampnar, u aktar 'l isfel bieb id-Dejr. Ma' dwâr il-bini jidher il-ħajt, donnu sûr.*

ron (wied li jibqa' sejjer lejn il-Baħar il-Mejjet). Biex tmûr iżżûru, jekk titlaq minn Ġerusalem, wara li tgħaddi mill-Wied ta' Ġeħenna, tħalli warajk Bir Għejjûb, tibqa' sejjer sa fejn il-wied isîr egħmîq u dejjaq, fejn ma tismâx ħlief it-tqarrîħ tal-għawrâb li jtîr minn blâta għal blâta, u xejn ma târa għajr ħitân għolja tal-blât ma' dwârek, u terħa dejqa, kaħla, tas-sema fuq râsek; hemm tħoss fik bħal biża' u għaġeb, meta taħseb f'dawk ir-Rhieb Griegi li biex jitwarrbu mill-ħsejjes tal-ibliet, u għax iħobbu s-skiet, inġabru f'imkien bħal ma hu dâna, fejn kollox jidher wieqaf, saħansitra ż-żmien.

Ir-rdumijiet tal-wied, imtaqqbîn minn egħrien, iħârsu d-Dejr u l-bini ta' ħdejh mill-irjieħ u l-ħsejjes tagħhom. Iż-żmien in-nifsu f'dak l-imkien jgħaddi sieket, meqjus biss mix-xemx li titla' fil-għôdu u tixref minn wara l-iġbla ta' Mo-Ab, u tinżel fil-għaxija għal wara l-għoljiet tal-Lhudija.

Hawn, għal ħabta ta' tmiem is-seklu V, san Sâba, li kien mitgħallem minn għand sant Ewtimju, wara li kien imġiegħel minn Sallustju, Patrijarka ta' Ġerusalem li jsîr qassîs, fis-sena 493, u jieħu f'idejh it-tmexxija tar-Rhieb kollha li kien hemm fir-rkejjen tal-iġbla tal-Lhudija, bena dan id-Dejr u t-taqsîm ta' ma' dwâru, li f'qasîr żmien sâr il-qalba tal-għelm u tal-qdusija.

San Sâba kien ġie mill-Kappadoċja, u kien magħrûf għal qdusija ta' ħajtu u għall-għerf ta' moħħu. Kieku ried, sata' b'ħeffa kbîra jilħaq xi tarġa għolja tal-knisja, imma għax ried, u b'għażla tiegħu, għadda xi tletîn sena ġewwa l-ħalq dejjaq ta'

dal-wied, fejn ukoll miet fis-sena 532.

Il-ħeġma tal-Persîn fis-sena 614 kienet bħal sħâba ħamra b'xita ta' demm li għaddiet minn fuq il-Palestîna u xarrbet id-Dejr ta' Mar-Sâba. Id-Dejr u l-bini ta' qrîbu kienu mġarrfa minn taqsîma ta' suldati Persîn u 44 Raheb kienu maqtula bla ħniena, għax baqgħu hemm, u ma riedûx jaħarbu. Dan kien fis-16 ta' Mejju tas-sena 614.



*Id-Dejr ta' Mar-Sâba — Il-palma xiħa, biz-zokk imgħawweġ u mirfûd li jingħâd li ħawwilha b'idejh il-qaddis San Sâba. Jingħad ukoll li kull erba' mitt sena dil-palma tmut u tarġa' titla' mill-ġdid.*

Meta għaddiet din it-taqlîba, id-Dejr ta' Mar-Sâba ma damx ma raġa' tgħammar bir-Rhieb, u fis-seklu VIII jingħâd li kien hemm fih 150 Râheb. Imma wara li f'dan is-seklu wkoll, dad-Dejr, kien maħbût u misrûq u maħrûq bosta drâbi, u nqatlu fih 20 Râheb oħra, ir-Rhieb li reġgħu għammrûh ħasbu biex jibnu ma' dwâru xi brâġ għall-għassa, u biex iħarsûh minn fuqhom, jekk jerġgħu jiġu jaħbtu għalih l-egħdewwa. Hekk id-Dejr ta' Mar-Sâba baqa' mgħammar bir-Rhieb, li jitħarrġu fil-għelm u l-qdusija, sa żmien is-Salibijin; imma meta telqu dawn mill-Art Imqaddsa, dan id-Dejr kellu wkoll jintelaq u jitħalla battâl għal kollox, sa ma sar ħerba fis-sekli li ġew wara. Fis-sena 1840 imma, dan l-imkien qadîm raġa' ħa l-ħajja mill-ġdid.

Għax dik is-sena il-Ħakma Russa bdiet tieħu ħsieb l-Insâra Ortodossi u l-Imkejjen Imqaddsa li kellhom huma, fil-Palestîna. Għal hekk qalghet minn għand is-Sultân tat-Torok li ssewwi d-Dejr ta' Mar-Sâba u tarġa' tgħammru bir-Rhieb bħal ma kien fis-sekli ta' qabel ma telqu minn hemm l-Insâra. Hekk id-Dejr u l-bini ta' ma' dwâru kienu msewwija u r-Rhieb Griegi reġgħu marru jgħammru fihom. Imma l-ħajja ta' dawna ma kenitx għal kollox bħal ħajja tar-Rhieb il-qodma, li kienu jmorru jgħammru hemm biex jaħarbu l-ġîd tad-dinja, biex jiksbu l-ġîd waħdâni tal-ħajja l-oħra. Il-qagħda hemm tar-Rhieb li jgħammruh issa hija bħal qada, jew *kundanna* ta' ħabs. Il-wisq imsemmi Dejr ta' Mar-Sâba, il-lûm, huwa mgħammar minn xi tletîn Râheb li kienu mibgħûta hemm għax webbsu râshom u ma riedux joqogħdu għal kelma ta' min hu fuqhom. Kemm il-wieħed minn dawn ir-Rhieb huma tas-sew "weħedhom"; u m'hux fit-talb, anqas fix-xogħol, jew fit-tagħlim, jgħaddu l-ħîn ta' nharhom !

* * *

Meta wieħed joqrob lejn dan id-

Dejr issa, l-ewwel ħâġa li tolqtu hija d-dehra ta' żewġt ibrâġ; borġ minnhom qadîm għall-aħħar u jinsâb mibni fuq għôqba u jġib taħtu, minn dak il-għôli, l-artijiet kollha tal-idwâr. Kien mibni l-ewwel darba fi żmien l-Imperatur Ġustinjânu (483—565) biex ir-Rhieb ikunu jistgħu jitħârsu mill-ġemgħât tas-serraqîn Għarab. L-ieħor, li qiegħed fid-daħla tal-bini ta' quddiem id-Dejr, issa jaqdi b'egħmâra tar-Râheb bewwieb.



*Id-Dejr ta' Mar-Sâba — Il-qabar tal-qaddis San Sâba, fid-Dejr tal-barr, tar-Rħieb Griegi Ortodossi.*

Minn fuq il-bejt tal-borġ li hemm fuq il-għôqba l-għôlja, tidher dehra sħiħa tad-Dejr u l-bini ta' ma' dwâru u tal-art kollha ta' qrîbhom. Minn hemm jidhru xibka ta' trejqiet u għadd ta' ħofor u egħrien, ħitân ta' blât u rdumijiet wieqfa, li mkaħħlîn magħhom jidhru l-egħmajjar tar-Rhieb u l-imtâlab, jew *oratorji*, u mqâgħwad oħra fejn jiltaqgħu r-Rhieb fis-siegħat imgħajjna ma' tûl in-nhâr. Turġien u slielem, drabi mħaffra fil-blât u drâbi magħmûla minn zkuk tas-siġar, imwaqqfin malħitân jew imwasslîn sa xi iħinka mqabbżîn 'il barra. Isfel nett, qiegħ il-wied miksi mazkân u ċagħak, u minn bejnu għaddej gelgûl żgħir ta' ilma ġieri jekk ma tkûnx ilha wisq li niżlet ix-xita.

Jekk, wara li tkun ħarist u flejt l-idwâr minn fuq il-bejt tal-borġ ta' fuq il-għôqba, tinżel, u tgħaddi millbieb, li hu dejjem imgħasses millbewwieb (li ma jħalli jgħaddi lil ħadd jekk ma jkûn mgħammar bil-ħalla miktuba minn idejn il-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Ġerusalem), issîb rûħek quddiem bħal bitħa li fîha ma' dwârha donnhom grieni. Aktar 'l isfel il-ħarsa tinġibed lejn biċċa bini b'sitt imniekeb, li fûqha għandha koppla. Dan il-bini kien imwaqqaf minn san Sâba n-nifsu, fejn għal xi żmien kien merfugħ il-għâdam tiegħu, li issa jinsâb ġewwa l-knisja ta' sant'Antonînu f'Venezja. Il-ġewwieni ta' dal-bini żgħir fih ukoll x'târa, għax barra mir-rjûs tar-Rhieb li kienu maqtûla mis-suldâti Persîn ta' żmien Kosra, fis-sena 614, u fi ħbît ieħor tal-Għarab, jista' wieħed jitgħaxxaq bix-xbihât imsawwra bl-idejn minn sawwâra moderni, li jżejjnu l-ħitân tan-naqra ta' koppla. Fost l-oħrajn sabîħa hi x-xbîha tal-Mewt ta' san Sâba. Il-għadd kbîr ta' lampieri żgħâr u x-xbihât li jiksu l-ħitân, jgħarrfu lil min ikûn hemm, imqar jekk ma jkûnx jaf, li dâk huwa mkien Imqaddes, imħâres mir-Rhieb Griegi.

In-naħa tax-Xmiel-il-Għarbi (northwest) tal-qabar ta' san Sâba, hemm

il-Kappella ta' san Nikôla, imħaffra kollha kemm hi ġewwa l-blât. Hawnġew kienu jiltaqgħu fil-qedem ir-Rhieb, fil-għejjieda, biex jgħîdu għalanija l-Uffiċċju tal-jûm. Hawn ukoll jurûk il-fdâl tar-Rhieb maqtulîn mis-serrieqa, li wisq drâbi kienu jaħbtu għad-Dejr għall-għarrieda.

Il-knisja li hemm issa qegħda n-naħa tax-Xerq tal-bitħa tad-Dejr. Il-knisja hi sabîħa, magħmûla għamla ta' salîb Grieg, b'koppla fuqha. Hemm hija l-qalba tad-Dejr u talbini ta' ma' dwâru, xorta waħda bħal ma kienet il-knisja ta' santa Marija, mibnija minn Ġustinjânu, li dîn t'issa qegħda fuq is-sisien tagħha. Il-ġewwieni kollu miksi bl-*affreski*, uħûd minnhom qodma sewwa. Sabîħ wisq hu l-*affresk* tan-naħa taxxellug, li fîh jidher Ġesù jitgħaxxa l-aħħar darba mal-Appostli; u ta' quddiemu sabîħ ukoll, il jûri l-Mewt, jew Nagħsa, tal-Madonna.

Dawk li ma jbatûx bil-mejt jistgħu jitolbu lil xi Râheb li jeħodhom fuq il-bejt tal-knisja, fejn hemm bħal setaħ żgħîr li jâgħti dritt għal qiegħ il-wied, xott u mċiegħek, f'għoli ta' 160 metru. Minn hawn tista' tara l-bqija tal-wied, li l-ħitân tiegħu, talblât, kollha mtaqqbîn u mħaffrîn bilegħrien żgħâr, li ġewwa fihom kienu jgħammru r-Rhieb tal-qedem.

Tħâres aktar il-bgħîd, târa kemmkemm in-naqra ta' għajn tal-ilma li jingħad li sâret b'għâġeb tal-qaddîs san Sâba. Hi kif inhi, din-naħa hawn għadd kbîr ġmielu ta' egħġubijiet ta' dân il-qaddîs, bħal ma hu l-għâr żgħîr li fih mar jgħammar il-ljûn, biex jitlaq l-għar tiegħu lil san Sâba, fejn kellu aktar wisa'. Hemm ukoll ilpalma biz-zokk imgħawweġ, bi ftît weraq fil-quċċâta, li jgħîdu li ħawwlha hu, u li kull erba' mitt sena tmût u tarġa' ttalla'.

Barra minn san Sâba f'dan id-Dejr kien jgħammar ukoll san Ġwann id-Damaski, fis-seklu VIII. Dan l-Imgħallem tal-knisja kiteb il-kotba tiegħu tat-tifħir lil Madonna f'wieħed minn dawn il-għerien. Hawn ukoll miet, u hawn indifen. Il-għar fejn miet issa magħmûl kappella, u tidħol fih wara li tgħaddi minn kappella oħra żgħira, msemmija għal ismu.

Wara li tkûn żort l-imtâlab jew *oratorji* kollha, tajjeb tħâres ħarsa lejr ir-*refetorju*, jew sâla tal-ikel, kbîra, li għandhom issa, fejn ir-Rhieb jiltaqgħu biex jieklu l-ikel ftît u ħafîf tagħhom. Tajjeb târa wkoll xi tnejn mill-kmâmar tagħhom, li huma kmâmar żgħar u foqra u ħżiena għas-saħħa, fejn l-indâfa ftît hi magħrûfa. Il-kmâmar qishom kollha mħaffrîn fil-blât, waħda fuq l-oħra. Il-Biblijoteka tagħhom issa ma fihiex x'târa, għax il-kotba ta' siwi li kien fîha qabel, ittieħdu Ġerusalem, fid-Dejr il-Kbîr, tal-Patrijarka.

Wara li nkunu żorna l-Lawra ta' san Sâba bir-rqaqat kollha tagħha, nistgħu nagħmlu ħjiel tal-ħajja li kienu jgħaddu l-ġemgħât kbâr ta' Rhieb tax-xôri, li kienu jgħîxu m'hux bgħîd wisq minn Ġerusalem. Jiftiehem hekk ftit aħjâr il-għân li kellhom f'moħħhom dawk ir-rġiel qaddîsa, li biex jaqbżu għat-Tagħlîm tas-Sewwa, ma qagħdux jaħsbuha; imma ħarġu mill-għażîż skiet tagħhom, u xteħtu fit-taqbîda, fejn il-ġlieda kienet l-aktar ħarxa.

Id-Dejr, jew Lawra ta' Mar-Sâba, iġġiegħlna nifhmu li l-ħajja ta' dawk ir-Rhieb tal-qedem, ma kenitx Mewt, imma kienet tas-sew Ħajja, mgħoddija fl-aqwa mħabba, fejn ikûnu tnejn biss flimkien, biex ħadd ma jfixkilhom: Ir-Ruh u Alla.

*P. NAZJU MANCINI, O.F.M.*

## ĠAĦAN U L-ĦMAR

Wieħed raġel mar għand Ġaħan, u ħabbatlu l-bieb u Ġaħan fetaħlu. "Ġaħan," qallu dak, "għamilli magħruf, islifni ftit il-ħmar tiegħek, ħalli għandi ħamel għeneb nieħdu s-suq!"

"Kemm ġejt ħin ħażin," wieġbu Ġaħan; "għax ħija wkoll qiegħed jaqta' l-għeneb, u ġie u ħadu, u għandu jżommu xi tliett ijiem!"

Dak il-ħin il-ħmar ta' Ġaħan sama' leħen sidu u beda jinhaq kemm għandu saħħa, hekk li ġelġel id-dar. Għal hekk dak il-ħabib qallu lil Ġaħan: "Isimgħu l-ħmar x'jinhaq; hawn qiegħed. Islifuli naqra, sa nofs siegħa nġibulek lura".

"Qiegħed ngħidlek il-ħmar tiegħi m'hux hawn. Sliftu lil ħija," raġa' Ġaħan. "Smajtu jinhaq, kif tgħidli li m'hux hawn?" Raġa' dak.

"Bravu, ħej, kemm jien magħdud b'raġel miegħek!" wieġbu Ġaħan. "Mela lil ħmar temmnu u lili ma temminnix!"

## IN-NURIJIN

Darba f'raħal żgħir, il-Palestina, kien hemm żewġ Nurijin, raġel u mara (Nurijin huma nies li ma għandhomx pajjiż, dejjem iduru minn raħal għall-ieħor; dawk li bit-Taljan jgħidulhom *Zingari*, u bl-Ingliż *Gipsies*), li kienu joħorġu jagħmlu xi naqra' xogħol man-nies — qishom bħal ma jagħmlu l-*Boy Scouts*, meta jagħmlu *Bob-a-Job*, — u bil-flus li jaqalgħu jixtru xi ħaġa x'jieklu. Darba waħda kienet ix-xita, għal hekk ma setgħux joħorġu. Għal hekk qagħdu ġewwa, qalbhom sewda għax ma għandhomx x'jieklu, il-mara bil-qegħda u r-raġel iħares fil-bieb tal-għarixa. Kif kienu hekk, ġie l-muħtar ta' dak ir-raħal (il-muħtar qisu s-*Sindku*, irrajjes, jew bħal ma hu l-lum is-Surġent tal-Pulizija) u amar lir-raġel li kif tehda x-xita, jaqla' l-għarixa u jitlaq minn hemm għal xi mkien ieħor. In-Nuri daħal u qal lil mara: "Il-lum tas-sew li ġejja ħażina! Ġie l-muħtar qalli li għandna nitilqu minn hawn kif tehda x-xita. Mela: *riżq ħażin jekk tibqa' x-xita, u riżq ħażin jekk tehda x-xita!*

---

*Malta*. Waħda mara, jisimha *Frances Curmi*, qalgħet grazzja bl-interċessjoni tad-Duluri tal-Kalvarju, u talbitna nxandruhielha fir-Rivista *Leħen L-Art Imqaddsa*, ħaġa li qegħdin nagħmlu bil-qalb kollha.

Mara oħra, jisimha *Katarina Muscat*, mart Manweli, minn Ħal-Qormi, ħabbritna li qalgħet grazzja kbira bl-interċessjoni tad-Duluri ta' fuq il-Kalvarju. Katarina, bħala tiżżija ta' ħajr lil Madonna taħtha ċurkett. L-ewwel ċans li jkollna, iċ-ċurkett nibgħatuh Ġerusalêm, ħalli jiddendel fin-niċċa tad-Duluri, fejn tinsab, fuq il-Kalvarju, mal-wegħdi l-oħra.

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Kxif ta' Qdumijiet f'Kedron** — Għiejed isîr xogħol ta' taħfîr fuq il-wied ta' Kedron, taħt is-swâr ta' Ġerusalêm, biex jingħaraf sewwa fejn kienet Sijon, il-belt ta' żmien David. Ix-xogħol immexxi minn Miss Kenyon u Père De Vaux O.P.; fl-1925 kien sâr taħfîr dik in-naħa wkoll, qrîb il-għajn tal-ilma ġieri ta' Silwân, u ntqâl li hemm kienet il-belt il-qadîma. Issa l-fehma tbiddlet, u għiejed jingħâd li l-fdâl tas-swâr li nsâb fl-1925, ma hux ta' żmien David (elf sena *qabel* Kristu) imma ta' żmien Agrippa, bin Erodi l-Kbir (għaxar snin *wara* Kristu). Dan jûri kemm ftit tista' torbot fuq l-Arkeoloġija.

**Lampier ġdid tal-Kavalieri ta' Malta** — L-Ordni tal-Kavalieri ta' Malta li nbeda Ġerusalêm, kellu mill-ewwel qîma kbîra lejn il-Qabar ta' Kristu, għal hekk kellu lampier jixgħel quddiemu lejl u nhar. Imma fl-1575, nhâr Ħadd il-Palm, il-Griegi ħabtu għal Franġiskâni u kissrulhom il-lampieri kollha, fosthom dak tal-Kavalieri. Issa l-Kavalieri bagħtu lampier ġdid, tal-fidda msewda, imżejjen b'għadd ta' stemmi u bit-tliet sniesel tiegħu, flok ħoloq, slaleb żgħar ta' Malta. B'hekk il-Kavalieri wrew il-qima li dejjem kellhom lejn il-Qabar ta' Kristu (*).

**Franġiskân Amerkân Kavalier tal-Italja** — Il-Ħakma Taljâna għamlet lil Father Patrick Coyle O.F.M. Kavalier Uffiċċjal tar-Republika Taljana. Dan biex turih kemm taflu l-ġîd li għamel mat-Taljani, għammâra u żawwâra, fiż-żewġ naħât ta' Ġerusalêm (tal-Lhud u tal-Għarab), fiż-żmien twil li ilu l-Palestîna.

**Il-Festa ta' san Ġużepp f'Nazaret.** — Ġewwa Nazaret, il-pajjiż tas-Sagra Familja, il-festa ta' san Ġużepp dis-sena wkoll saret b'qima kbira. Imma billi l-Patri Kustodju ma kienx hemm, għax kellu għal fejn jaqbeż qabża sa Ruma, il-Pontifikâl li dari jsîr minnu, ma sarx. Il-quddiesa l-kbîra qaddisha l-W.R.P. Carlo Tallarico O.F.M., Visitatur Ġenerali, li kien għadu jtemm iż-żjara tiegħu f'Israel.

**Ix-xogħol ma' dwar il-Qabar ta' Kristu** — It-tiswija tad-Dejr żgħir li hemm mal-Qabar ta' Kristu għadha sejra. It-taqsîma tas-Sagristani għoddha lesta u wara tinbeda t-taqsima tal-Patrijiet. Meta tkun lesta dik in-naħa wkoll iċ-ċelel ta' dad-Dejr ma jibqgħux żgħar, mudlama u blâ arja, kif inhuma issa, u hekk titnaqqas ftit it-tbatija tal-Patrijiet li jgħîxu hemm. Ix-xogħol tal-Bażilka dam wieqaf għal ftit żmien, l-ewwel għax ir-*rappreżentant* tal-Griegi ma satax jiġi, u mbagħad imħabba l-festi tar-Ramdân u l-Ġimgħa l-Kbîra.

**Xogħol tal-Benedittini mħarbat mil-Lhud** — Ir-Rhieb Benedittini Ġermaniżi li għandhom f'idejhom il-Bażilka tal-Mewt tal-Madonna, qrib ħafna taċ-Ċenaklu, fetħu Wirja tal-Arti Nisranija, hemmekk. Billi l-Lhud iżommu li taħt iċ-Ċenaklu jinsab il-qabar ta' David, dil-Wirja ma reduhiex hemm. Għal hekk marru bil-lejl u ħarbtuhielhom.

---

(*) Din l-aħbar miġjuba hawn kif dehret fir-rivista: "La Terra Santa", t'April din is-sena. Min jaqraha aktarx li jgħid: "Damu jaħsbuha l-Kavalieri, 387 sena, (mill-1575 sal-1962) biex jibgħatu lampier ġdid!" Imma s-sewwa aktarx li m'hux hekk. L-Editur ta' dal-Qari, meta kien Ġerusalêm (mis-sena 1920 sal-1932) kien jisma' jgħid lil Fra Elija Grech, is-sagristan, li hemm lampier tal-Kavalieri ta' Malta. Mela dan il-lampier hu lampier ieħor, u issa flok wieħed hemm tnejn.

# REQUIESCANT IN PACE (*)

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

MARSA — Karmenu Busuttil, Gejtu u Konċetta Scicluna, Ġovanna Bonniċi, Ergardu u Marija Portelli, Familja Borg Portelli u Busuttil, Mikiel u Ġovanna Gatt, Vittorja Daniele, Ġanni u Djedu Lebre, Manwel u Gejtu Mifsud, Ġovanni u Karmenu Farrugia, Pawla Debono, Adriana Baldacchino, Karmenu, Ġużeppi u Ġovanna Saliba, Lorenzu De Giorgio, Speranza u Salvatore Ciantar, Marija, Ġużeppi, Karmenu Grima, Ġanmarija, Rożina Dimech, Feliċ Grima.

ĦAMRUN — Assunta Muscat, Ġużeppa Calleja, Roġer Saliba, Carmela Saliba, Franz Brunel, Nena Spiteri, Maria Borg, Manuele Borg, Giovanna Magrin, Spiridione Magrin Maria Tabone, Antonia Griscti, Carmela Gauci, Giovanni Sciberras. Conċetta Falzon Monenica Cutajar, Ġużeppi Cutajar, Gerardo Micallef, Assunta Muscat, Ġużeppa Calleja, Roġer Saliba, Carmelo Saliba, France Brimel. Nena Spiteri.

IŻ-ŻEJTUN — Familji: Mangion, Montebello, Cassar u Mifsud. Mejtin tal-Familja Sinagra. Mejtin tal-Familja Desira u Caruana. Mejtin tal-Familja Badacchino u Camilleri. Familji: Barbara, Attard, Azzopardi u Cachia. Mejtin tal-Familji Mangion, Galea u Deguara. Tal-Familji Psajla u Merceca. Mejtin tal-Familja Mifsud. Tal-Familji: Caruana, Sammut, Zahra, u Saliba. Tal-Familja Zahra, Grech u Montebello. Mejtin tal-Familji Cassar u Baldacchino. Tal-Familji: Spiteri, Camilleri u Bugeja. Mejtin tal-Familji Cassar, Ellul, Spiteri u Mifsud. Tal-Familji Zahra u Busuttil. Mejtin tal-Familji Camilleri u Mercieca. Tal-Familji Dalmas u Zammit. Familja Attard, Agius, u Spiteri. Tal-Familji Borg, Briffa u Vassallo. Mejtin tal-Familji Vella u Carabott. Tal-Mejtin Spiteri u Axisa. Mejtin tal-Familji Cassar, Desira u Psaila. Tal-Familji Zammit, Camilleri, Fenech, Cutajar, Spiteri u Cassar. Tal-Familja Zammit. Mejtin tal-Familji Attard, Azzopardi, Bonnici, Baldacchino, Cassar, Sciberras u Gauci.

IL-BELT — Ġanni u Wenzu Meli. Ġużeppi u Enriketta Caruana. Adelġisa, Evaristu, Jolanda, Ismene, Castaldi-Fenech. Oskar, Frans, Darmanin. Karmenu Zammit. Ġuża Agius. Salvu Agius, Ġużi Debattista. Pawla, Ġanni, Ġużeppa, Fonzu, Silvja, Salvu, Dolor, Kandidu, Ines, Ċensu, u Nena, Attard. Pawlu, Ġanna, Lużâr, Ġużeppi, Ġorġ, Karolina, Vinċenzu, Tereżina, Toni, Neriku, Pawla, Giglio. Mejtin tal-Familja Balzan. Ġużeppi u Ġużeppa Coreschi-Teuma. Frans, Katarina, Franġiska u Karmenu Camenzuli. Ġużeppi u Pawlu Galea. Tereża u Karmenu Callus. Pawlu Zammit, Saver Micallef. Manwel u Marija Cauchi. Ġużeppi Micallef. Pawla, Ġakbu, Ġanni, Karmena u Epifanju Caruana. Manwel Vassallo. Karmenu, Franġiska, Manwela u Ġużeppi Francica. Marija, Karmenu, Ġużeppi Nieża, u Ġorġ Xuereb. Marijanna u Karmenu Tonna. Mikelina Madalone. Nikola u Fransi Mintoff. Anġolina Mallia u Piju Ebejer.

ĦAŻ-ŻABBAR — Ġużeppi Gauci, Tumas Gatt, Anġlu, Wenza, Ġużeppi, Dolor, Karmena u Wenzu Pulis. Karmena, Karmenu, Ġuża u Ċensa Schembri. Lonzu, Ċetta, Ġordanu, u Grezz Demicoli. Tessie Bonavia. Ġużeppi Mercieca. Pawlu u Tereża Scicluna. Karmena Psaila, Ester u Marija Carbone. Wenza Galea. Karmena Cassar, Toni u Marija Ellul. Ġużeppi Gauci. Ġużeppi, Karmena, Ġuża, u Salvu Pace. Mikiel Grech u Marija Cassar. Paskwalina Scannura. Gejtan Bonnici, Lużarja u Salvu Cassar. Mikiel u Konċetta Cassar. Wenza Darmanin. Ġużeppa Buhagiar. Marija Pulis.

RAĦAL GDID — Buonvicino Buhagiar. Tankredi Buhagiar. Toni Bartolo. Remiġ Carabott.

TAL-PIETA' — Toni Buhagiar, Marija-Assunta Gatt, u Karmena Gatt.

IŻ-ŻURRIQ — Inġierka Sammut. Gejtan Magro. Pietru Caruana. Anni, Karmenu u Marijanna Mamo. Wiża Coleiro. Daniel Monreal. Tona Briffa. Kalanġ Sammut. Ġużeppi u Ġużeppa u Xandru Damato. Marija D'Alfonso. Bertu u Kata Caruana. Pawlu Theuma, Ġanni u Emilja Cachia. Karmena Sammut. Ġużeppi Cachia, Ġanni u Ġużeppi Sammut.

ĦAL-TARXIEN — Karlu u Leonilda Sciberras. Marija Formosa. Marija u Dwardu Leone. Mikiel Sciberras. Lonza Bonello. Anni, Pietru, Indrin u Salvu Vassallo. Karmen u Karmenu Cassar. Ġużepp Buttiġieġ. Ġanni Casha.

BIRKIRKARA — Ġużeppa u Rożi Magri. Konċetta u Karmenu Buhagiar. Ġanmari u Karmni Borg. Lena Muscat. Sunta Micallef. Tonina Sciortino. Marijanna, Karmenu u Marija Aquilina. Romeo Vassallo.

IN-NAXXAR — Mikiel Stivala. Karmenu Chetcuti. Pawlu Chetcuti. Karmenu u Ġużepp Stivala.

ĦAL-QORMI — Ġanni Mizzi u Rożina Mizzi.

SANTA VENERA — Marijanna u Saver Schembri. Wiġa Deguara. Karmni Żammit. Ġużi Bezzina. Rożina, Grezzju u Ġorġ Cassar. Marija u Frenċ Briffa. Ġużeppa u Ġużeppi Grech. Ġużeppi u Spiru Falzon. Karmena Cremona. Salvu, Rożina u Ġuża Mercieca. Kostantin Magro. Manwela, Anna u Ġużeppi Cassar. Karmena, Salvu, Ġorġ u Tonina Debono. Ġorġina u Pawlu Cutajar. Duminku u Ġużeppi Cutajar. Anna, Karmenu u Manwel Spiteri. Ludgarda Schembri.

IN-NADUR (Għawdex) — Pietru u Gerita Said. Salvu u Manwela Camilleri. Pupul Muscat. Mikiel, Marija u Anġlu Grima. Dun Franġisk Grima. Saver Grima. Pietru Borg. Lużarja, Karmenu, Ġanni, Anġlu u Grezzja Grima. Pawla u Lużarja Cassar. Anna Bigeni. Lonza, Marija, Sunta, Ċetta u Franz Portelli. Marija, Anġlu, Wenzu u Vitorja Mejlak. Ġużepp Camilleri. Ġużepp Mejlak. Ġużeppa u Ġanni Portelli. Anġlu Camilleri. Karmena Curmi. Ġorġi Casha. Anton Calleja. Ġorġ u Agata Vella. Ġanni, Rożi u Karmni Tabone. Karmenu Bajjada.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*

(*) Il-bqija tal-ismijiet tal-Maltin inġibuhom f'ħarġa oħra; imma s-sufraġji għar-Ruħhom fl-Imkejjen Imqaddsa ta' Ġerusalem, isiru xorta waħda.